FRAR 2023

ĦARĠA NRU. 070

# il-pont



RIVISTA LETTERAJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERAJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 11 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 14 | L-Intervista \| Noel Cachia |
| 18 | L-Intervista \| Annamaria Weldon |
| 22 | L-Intervista \| Emanuela Bernascone |
| 25 | L-Intervista \| Marlene Saliba |
| 29 | Reċensjoni *L-Eku tal-Ħabbata* |
| 32 | Wara l-Vjatku - Traduzzjoni |
| 34 | Bogħod - Kitba ta' E. Attard Cassar |
| 35 | Boris Pasternak - Kitba ta' Victor Vella |
| 37 | Mixja qasira f'Londra - P. Sammut |
| 40 | Il-Poeżija - Mill-Pinna tal-Maltin |
| 47 | Versi Lil Hinn Minn Xtutna |
| 49 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

**IL-PONT wasal fis-70 ħarġa tiegħu u dan f'temp ta' 10 snin. U bħal kull ħaġa li jgħaddi ż-żmien minn fuqha imma tibqa' b'saħħitha, IL-PONT ingħata wiċċ ġdid biex kemm jista' jkun jibqa' frisk u jappella għall-qarrejja permezz ta' esperjenza ta' qari li ma ddejjaqx. Il-kontenut u t-tqassim tat-taqsimiet se jibqa' l-istess, imma bħala eperjenza viżiva IL-PONT ħa dehra oħra, u dan bis-saħħa tal-kollega u ħabib tiegħi Hilary Spiteri li minn hawn nirringrazzja.**

Bħal kif dejjem insostni, is-suċċess ta' IL-PONT jibbaża ħafna fuq il-kontribuzzjonijiet u l-kollaborazzjoni ta' bosta kittieba u qarrejja - kemm Maltin kif ukoll barranin - li matul dawn is-snin bagħtu l-kitbiet tagħhom kif ukoll aċċettaw li jiġu intervistati. Oħrajn saħansitra bagħtu l-pubblikazzjonijiet tagħhom biex jiġu reċensiti jew biex jingħatawlhom spazju f'din ir-rivista letterarja virtwali li llum qed tasal anki f'bosta pajjiżi. IL-PONT qed jasal saħansitra f'id min il-Malti ma jifhmux - ladarba fih hemm inklużi taqsimiet kemm bl-Ingliż kif ukoll bit-Taljan - imma ċert li juri ċerta kurżità f'ilsienna. Mela b'xi mod IL-PONT qed iservi anki biex iwassal lil hinn minn xtutna isem pajjiżna u jżid l-interess fil-letteratura u fl-ilsien tagħna. U dan minkejja li fil-passat kien hemm min, minkejja l-pożizzjoni tiegħu, ċekken ir-rwol ta' rivista bħal din.

IL-PONT sa mill-bidu għamel mill-aħjar biex joħroġ għad-dawl l-aktar lill-kittieba u poeti li s-soltu jitpoġġew fil-fillieri ta' wara nett jew fl-irkejjen. Dan jintrabat ma' diskussjoni li għaddejja dwar il-qagħda tal-ktieb Malti fil-preżent. Jingħad li l-Maltin ftit jaqraw, imma kotba ġodda mill-pinna ta' kittieba Maltin qed joħorġu regolarment u bosta. Hemm min semma l-kwistjoni tal-kwalità. Huwa veru li f'kull letteratura hemm l-opri eċċellenti miktubin minn kittieba ta' sengħa u oħrajn ta' livell inqas, imma kollha flimkien jagħmlu l-letteratura ta' pajjiż partikolari. Huwa veru wkoll li minn dejjem u f'kull pajjiż anki fil-qasam letterarju - bħal dak artistiku, mużikali, u kulturali inġenerali - hemm min iċekken ix-xogħlijiet ta' awturi partikolari u saħansitra jinsinwa negattivament dwar djar tal-pubblikazzjoni partikolari sabiex jagħti l-impressjoni li l-letteratura ta' pajjiżna hija magħmula biss minn ponn limitat ta' kittieba. Dan mhux il-każ: kittieba Maltin hemm ħafna iktar, kemm nisa kif ukoll irġiel, u għandna bosta li huma ta' livell għoli wkoll minkejja li isimhom ma jissemmiex fost dawk li sena wara l-oħra qed jiġu ppremjati u qed jirċievu fondi illimitati minn entitajiet kemm lokali kif ukoll barranin.

Ta' min jiftakar ukoll li l-qarrej ma jidħolx biss taħt definizzjoni waħda: hemm qarrejja differenti li jfittxu ġeneri u awturi differenti, u spiss dawn ma jkunux fost il-kittieba ppremjati. Ta' min jistaqsi wkoll min qed ikunu sena wara l-oħra l-persuni li jagħmlu parti mill-bordijiet tal-ġuriji differenti u x'aġendi jkollhom uħud minn dawn il-membri. Mhux misteru l-fatt li l-istorja sħiħa tal-Letteratura Maltija għad trid tiġi tinkiteb - u dan żgur mhux xogħol ta' persuna waħda -, u meta jseħħ dan se tkun storja ħafna iktar usa' minn din li qed tipprova titmagħna ċerta kritika jew storja tal-letteratura uffiċjali.

IL-PONT jawgura lill-qarrejja u kontributuri sena ġdida mimlija saħħa u aktar qari u kitba fejjieda. IL-PONT ifakkar li l-ktieb hu dejjem rigal sabiħ li nistgħu nagħtu lill-persuni li nħobbu jew nirrispettaw f'okkażjonijiet differenti.



# Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

**LEJLA TA' TNEDIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**



Nhar l-4 ta' Novembru 2022 tnieda l-ktieb *Sekwenzi*, ġabra ta' poeżiji li nkitbu bejn l-2017 u l-2022, mill-pinna tal-Prof. Joe Friggieri. Il-lejla ttellgħet mid-dar tal-pubblikazzjoni Kite u saret fl-Awditorju tal-ICT (Information and Communication Technology), fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Il-panel kien magħmul minn Dr Immanuel Mifsud li għamel u qara studju rigoruż dwar il-ġabra, u Ranier Fsadni li għamel introspezzjoni tajba dwar uħud mill-poeżiji. Min-naħa tiegħu, Mark Vella, li kiteb l-istudju kritiku introduttiv għal *Sekwenzi*, introduċa liż-żewġ kelliema. Il-qari kien f'idejn Charles Sammut u Ninette Micallef: maratona tajba li fiha nqraw ħafna mill-poeżiji li hemm fil-ktieb. Is-soprana Nadia Vella żewqet is-serata. Prof. Joe Friggieri għalaq it-tnedija bi ftit ħsibijiet filosofiċi dwar il-poeżija f'ħajjitna. Għas-serata attendiet ġemgħa sabiħa ta' nies.

**ESPRIMI B'LAQGĦA MA' ŻEWĠ MELLIĦIN**

Nhar l-4 ta' Novembru 2022 l-Assoċjazzjoni Esprimi organizzat laqgħa ma' żewġ Melliħin, Joe Felix Cachia u John Camilleri. Il-laqgħa saret fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Knisja ta' Santa Marija, Birkirkara. Joseph Felix Cachia u John Camilleri ħadu lil dawk preżenti lura fiż-żmien u tkellmu dwar il-Mellieħa ta' tfulithom u żgħożithom, u dan anki permezz ta' ritratti u xi poeżiji. Alfred Camilleri mexxa l-laqgħa, filwaqt li Stephen Cachia ħa ħsieb il-preżentazzjoni viżwali. Fi tmiem is-serata kien hemm riċeviment żgħir.



**PROF. ALBERT BORG REBBIEĦ TAL-MIDALJA TAD-DEHEB 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI' 2022**

Nhar l-14 ta' Novembru 2022 tħabbar li l-Prof. Albert Borg huwa r-rebbieħ tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' għas-sena 2022. L-investitura saret f'Jum l-Akkademja tal-Malti mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta waqt serata fil-Palazz ta' Sant'Anton. Fost il-mistednin kien hemm l-imsieħba tal-Akkademja kif ukoll qraba u ħbieb tal-awturi. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-Ilsien Malti u għal-letteratura Maltija. Albert Borg twieled fl-1950. Iggradwa B.A. (Hons) mill-Università ta'



Malta fl-1972 u għamel sena jaħdem mal-Kummissjoni tat-Traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija fix-xogħol tagħha biex tinqaleb il-Bibbja għall-Malti mill-ilsna oriġinali bl-Ebrajk u bil-Grieg. Fl-1975 iggradwa D.Litt. fl-istudji tal-Viċin Orjent mill-Università degli Studi, Ruma. Kien ippreżenta t-teżi 'Elementi per un'Ortografia Fonemica del Maltese', biex juri li l-ortografija tal-Malti tista' tkun issimplifikata b'mod xjentifiku. F'Diċembru tal-1975 inħatar Assistant Lecturer fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u beda jgħallem il-lingwistika ġenerali u l-lingwistika Maltija. Ta sehmu biex il-korsijiet tad-Dipartiment jinqalbu għas-sistema ta' credits li kienet għadha kemm ġiet introdotta fil-Fakultà tal-Arti, u biex jiġu riveduti s-sillabi tal-Eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-livell ordinarju u avvanzat. Fl-1979 iggradwa Ph.D. mill-Università ta' Edinburgh bi studju dwar il-kategorija tal-aspett fil-Malti, ippubblikat ftit wara bit-titlu *A Study of Aspect in Maltese*, Ann Arbor, Michigan: Karoma Publishers Inc., 1981. Sar Lettur fid-Dipartiment tal-Malti f'Ottubru tal-1979, u wara s-soppressjoni tal-Fakultà tal-Arti, f'Ottubru tal-1980 offrewlu impieg fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni. Kompla jgħallem il-lingwistika ġenerali u l-lingwistika Maltija kemm f'din il-Fakultà kif ukoll fil-Fakultà tat-Teoloġija, Tal-Virtù. Fl-1987 reġgħet twaqqfet il-Fakultà tal-Arti u reġa' ssieħeb magħha. Kien Aġent Kap tad-Dipartiment tal-Malti kif ukoll koordinatur tal-kors il-ġdid fil-lingwistika ġenerali li waqqaf flimkien ma' xi kollegi. Sar Associate Professor fl-1988 u serva bħala l-ewwel Direttur tal-Istitut il-ġdid tal-Lingwistika, Istitut li waqqaf flimkien ma' kollega oħra, il-Prof. Marie Azzopardi Alexander, oriġinarjament mid-Dipartiment tal-Ingliż. Fl-1992 sar (Full) Professor u fl-1994 ingħata l-kariga ta' Chairman tal-Istitut tal-Lingwistika (Delegat tar-Rettur), pożizzjoni li żamm sal-2008 meta rriżenja minnha biex jagħmel il-wisa' għal ħaddieħor. B'hekk l-Istitut seta' jkompli jwessa' l-orjentament tiegħu. Il-Prof. Borg dejjem emmen bis-sħiħ fil-kooperazzjoni akkademika, u fir-reklutaġġ ta' kollegi ġodda kemm fid-Dipartiment kif ukoll fl-Istitut u pprova jsaħħaħ direzzjonijiet ġodda fl-istudju tal-Malti. Ikkollabora mal-Prof. Alexander Azzopardi fil-qasam tad-diżabiltà lingwistika u flimkien magħha waqqaf il-kors tal-B.Sc. Communication Therapy. Appoġġja wkoll ix-xogħol tagħha ta' pijunier fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija, li issa hija ddefinita mill-Kostituzzjoni tagħna bħala t-tielet lingwa uffiċjali. Flimkien ma' kollegi oħra, prinċipalment mal-Prof. Manwel Mifsud, ħadem fil-qasam tal-ippjanifikar tal-lingwa, u ta sehmu fil-Bord tal-Malti li ħejja t-triq għat-tfassil tal-liġi li biha twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Ħadem biex jikbru r-rabtiet kollaborattivi tal-Istitut tal-Lingwistika ma' korpi oħra fi ħdan l-Università, 'il barra mill-qasam tradizzjonali tal-Fakultà tal-Arti – sforz li eventwalment wassal biex, bi tmexxija ġdida, l-Istitut tal-Lingwistika kkollabora prinċipalment mad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali biex sar l-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa. Kien ukoll iċ-Chairman tal-Bordijiet imqabbda mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti li wasslu għar-riformi ortografiċi Deċiżjonijiet 1 u 2. Flimkien ma' kollegi oħra, ħadem biex organizza, jew għen fl-organizzazzjoni f'Malta, ta' diversi konferenzi u seminars nazzjonali u internazzjonali. Matul is-snin, ħa sehem f'għadd ta' programmi kemm fuq ir-radju kif ukoll fuq it-television u ġieli kiteb fil-gazzetti dwar kontroversji ta' natura lingwistika. F'kotba b'awturi varji u f'rivisti xjentifiċi speċjalizzati, ippubblika studji dwar aspetti lingwistiċi differenti tal-Malti, kemm waħdu kif ukoll bi sħab ma' studjużi oħra, Maltin u barranin, dwar is-sintassi Maltija, il-morfoloġija, u xogħlijiet ta' natura soċjolingwistika. Uħud minn dawn l-istudji ppubblikahom bil-Malti fil-ktieb tiegħu *Ilsienna. Studju Grammatikali* (1988). Xogħol fondamentali li ppubblika flimkien ma' Marie Azzopardi Alexander fl-1997, kien il-ktieb *Maltese*, fis-serje internazzjonali tad-dar tal-pubblikazzjoni Routledge (Londra u New York). Din hija deskrizzjoni għall-udjenza speċjalizzata tal-komunità tal-lingwisti, tal-fonetika u l-fonoloġija tal-Malti, kif ukoll tal-morfoloġija u tas-sintassi tiegħu. Xogħol importanti ieħor li ppubblika wkoll fl-1997 flimkien ma' Manwel Mifsud, huwa l-ktieb *Fuq l-Għatba tal-Malti*, pubblikazzjoni f'serje tal-Kunsill tal-Ewropa li tinkludi lingwi kbar bħalma huma l-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, ir-Russu u oħrajn. Wara sebgħa u erbgħin sena servizz fi ħdan l-Università ta' Malta, Albert Borg għadu kemm irtira fl-aħħar ta' Settembru tal-2022.

**SKS TIĊĊELEBRA 40 SENA TA' LETTERATURA, STORJA U BIJOGRAFIJI**

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni SKS iċċelebrat l-40 sena ta' pubblikazzjonijiet fil-ġeneri tal-istorja, il-letteratura, it-teorija politika, il-kultura u l-bijografija fil-Festival tal-Ktieb bejn 23-27 ta' Novembru. Dan tħabbar minn diriġenti tal-SKS waqt Konferenza tal-Aħbarijiet fil-Fortress Builders il-Belt Valletta. SKS ħadet sehem fil-Festival tal-Ktieb bil-pubblikazzjoni ta' *Ir-Re Borg*, rumanz satiriku ta' Aleks Farrugia, edizzjoni ġdida tar-rumanz klassiku *L-Ibleh* ta' Ġużè Orlando, u *L-Analetti* ta' Konfuċju maqluba għall-Malti miċ-Ċiniż minn Salvatore Giuffrè li kien imniedi simultanjament fl-24 ta' Novembru fil-Fiera Internazzjonali tal-ktieb f'Beijing. SKS ippubblikat 190 ktieb mill-1982 sal-lum u biegħet madwar 400,000 kopja ta' kotba. SKS hija impenjata li tibqa' tistinka biex tinforma u teduka lill-pubbliku ġenerali billi tippubblika kotba ta' kwalità għolja bbażati fuq ħsieb liberali tal-ħajja, l-istorja u l-letteratura, biex tipprovdi lill-kittieba u lir-riċerkaturi l-opportunità li jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom, u biex jikkontribwixxu lejn l-arrikkiment soċjali, kulturali, intellettwali u nazzjonali. SKS twaqqfet fl-1982 u tul dawn l-40 sena ippubblikat kitbiet politiċi, storiċi, bijografiji, edukattivi, drammi u novelli, il-biċċa l-kbira bil-Malti, uħud bl-Ingliż.




Waqt li pubblikazzjonijiet b'kontenut politiku kellhom skop politiku xellugi, SKS qatt ma ppruvat tinfluwenza xi xtaqu jiktbu l-kittieba, mhux biss fil-kitba kreattiva, iżda f'kull qasam. SKS għandha l-unur li fost il-kittieba fil-pubblikazzjonijiet tagħha hemm irġiel u nisa li kienu determinanti biex jippromwovu l-wirt kulturali, artistiku, letterarju, politiku u soċjali. Fost dawn hemm kontributuri li jvarjaw mill-moderni għat-'tradizzjonali' bħal Frans Sammut, Mikiel Anton Vassalli, Manwel Dimech, Ġużè Bonnici, Ġużè Ellul Mercer, John F. Marks, Ġużè Diacono, Ġużè Orlando, Juan Mamo, Anton Buttigieg, Anton Cassar, Mons. Lawrenz Cachia, Karmenu Vassallo, Ġużè Chetcuti, Ġużè Cardona, Yosanne Vella, Giorgio Peresso, Alfred Sant kollha meqjusa bħala klassiċi, għal riċerkaturi, kritiċi u kummentaturi soċjali bħal Pauline Miceli, Adrian Grima, Mario Azzopardi, Mark Vella, Immanuel Mifsud, u Mark Montebello. SKS ippubblikat traduzzjonijiet li qatt ma dehru qabel fl-ilsien Malti li jvarjaw minn Lu Xun, Cervantes, Charles Dickens, Nicholas Monsarrat, għal Konfuċju. Il-Konferenza Stampa kienet indirizzata minn Dr Anthony Degiovanni, Claire Xuereb Grech u Joe Borg.

**KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2022**



**Therese Pace**

Ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2022 ġew imħabbra waqt ċerimonja li kienet parti mill-Festival Nazzjonali tal-Ktieb nhar il-25 ta' Novembru 2022, immexxija minn Mariele Zammit. Għal dan il-konkors ipparteċipaw 80 poeżija miktubin minn poeti diversi. Il-bord tal-ġurija kien magħmul mill-Prof. Rena Balzan, il-Prof Norbert Bugeja u Glen Calleja. L-ewwel premju ngħata lil Therese Pace għall-poeżija tagħha "Fuq l-Aġenda tal-Għajn ta' Doreen". It-tieni post intrebaħ minn Jasmine Bajada għall-poeżija "Mużew tal-Istorja Naturali, l-Imdina", filwaqt li t-tielet premju ngħata lil Miriam Calleja li kitbet il-poeżija "Kamra Żgħira, Xi Mkien." Il-premju għall-ewwel post kien ta' elf ewro. Therese Pace tikteb fi tliet ilsna, Malti, Taljan u Ingliż, u l-poeżiji tagħha dehru f'bosta antoloġiji ta' poeżija. Hija awtriċi ta' ġabriet bħal *Arpeġġi* li rebaħ il-Premju tal-Ktieb 2004. Ippubblikat ukoll kotba għat-tfal, fosthom is-sensiela *Naqraw u Nirrimaw*.

**DISKUSSJONI DWAR ŻEWĠ KITTIEBA FRANĊIŻI WAQT IL-FESTIVAL TAL-KTIEB 2022**




Nhar is-26 ta' Novembru, waqt il-Fiera tal-Ktieb, l-Ambaxxata Franċiża organizzat table ronde dwar u dwar il-kittieba Annie Ernaux (rebbieħa tal-Premju Nobel għal-Letteratura 2022) u Albert Camus. F'dan l-avveniment ħadu sehem il-Prof. Toni Aquilina u Dr Marylin Mallia, waqt li M. Renaud Lallement kien il-moderatur. Prof. Aquilina tkellem fuq il-konnessjoni li Albert Camus għandu ma' Malta billi wieħed mix-xhieda tal-att tat-twelid tiegħu kien Malti, ċertu Salvador Frendo. Ittratta mbagħad l-aħħar żewġ traduzzjonijiet tiegħu ppubblikati din is-sena stess, *L'Etranger / L-Għarib* – li għalaq 80 sena mindu ħareġ l-ewwel darba fl-1942 –, u *L'Exil et le Royaume / It-Turufnament u s-Saltna*. Aquilina sostna li f'dan tal-aħħar, li huwa ġabra ta' novelli, Camus jesplora permezz tal-letteratura t-teżi tiegħu li 'arche d'alliance' ġdida lil hinn mir-reliġjon hija possibbli bbażata fuq is-sens t'irġulija u l-imħabba wara l-fażi tar-ribelljoni. Dr Marylin Mallia tkellmet imbagħad fuq Annie Ernaux, speċjalment fuq l-istil tal-kitba tagħha u l-impronta li ħalliet fl-istorja tal-femminiżmu. Ittrattat ukoll il-ktieb *L'Evènement* u l-addattament tiegħu b'suċċess għaċ-ċinema. Ġie diskuss ktieb ieħor ta' Ernaux, *Passion Simple*, li Toni Aquilina kien qaleb għall-Malti u ppubblika fl-2018.

**LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA MINN MUŻA KARKARIŻA**

Nhar id-9 ta' Diċembru Muża Karkariża tellgħet serata fis-sala Antoine de Paule fil-Palazz ta' Sant'Anton Ħ'Attard. Din is-serata saret f'dan is-sit bis-saħħa tal-Eċċelenza tiegħu Dr George Vella. Preżenti kien hemm is-Sindku Sin. Joanne Debono Grech u r-Rev. Prepostu Mons. Louis Suban. Ippreżentat il-lejla Maria Mintoff, filwaqt li għadd ta' awturi qraw ix-xogħlijiet tagħhom, fosthom Ġorġ Borg, Father Maurice Mifsud, Carmel George Cauchi, Wayne Farrugia, Charlo Pisani, Therese Pace, Anton Grasso, Charles Mifsud, Charles Briffa, Philip Xuereb, Salv Sammut, Ninu Borg, Frans Borg u Tarcisio Zarb. Is-Soprana Marita Bezzina u t-

Trio Terzina Elena Muscat, Celine Schembri u James Caruana Turner ħadu ħsieb il-mużika u l-kant li daħħlet lil dawk preżenti aktar fl-atmosfera tal-festi sbieħ tal-Milied.

**WIRJA MTELLA' MILL-FONDAZZJONI STORM PETREL**




Bejn it-13 ta' Diċembru 2022 u l-14 t'April 2023 għaddejja l-wirja bl-isem ta' "Unseen and Unheard: Stories of Women Under Fire." Din il-wirja, imtellgħa mill-Fondazzjoni Storm Petrel li għandha s-sede tagħha f'Ħ'Attard, tixħet dawl fuq narrattivi u mikrostejjer tal-gwerra minn Malta u postijiet oħra li qatt ma ġew mogħtija importanza jew irrekordjati qabel. Din hi wirja li tiġbor f'post wieħed oġġetti u artefatti ġejjin minn kollezzjonijiet differenti, li jiffukaw prinċipalment fuq esperjenzi tal-gwerra min-naħa ta' bniet u nisa. Il-wirja bdiet bħala serje ta' taħdidiet bejn il-Fondazzjoni Storm Petrel u Dr Robert Attard li sab kollezzjoni ta' ittri miktubin minn mara żagħżugħa Ġermaniża matul it-Tieni Gwerra Dinjija, uħud minnhom inklużi fil-wirja. Il-wirja hi mifruxa fuq ħames kmamar differenti, kull kamra tirrappreżenta perijodu jew tiffoka fuq aspett partikolari, biex b'hekk dak li jkun jirrifletti dwar għadd ta' mistoqsijiet kuntestwali li għadhom relevanti sal-ġurnata tal-lum. Il-Fundazzjoni Storm Petrel qed tikkollabora mat-Tayar Foundation for Jewish Heritage in Malta, Media Coop u Sharp Shoot Media. Wirja bħal din tgħinna niskopru stejjer ta' nisa fil-gwerra u nkunu xhieda ta' perspettivi differenti tal-uġigħ u l-miżerja tal-kunflitt militari. Wirja bħal din ħabtet fi żmien adatt, żmien meta fl-Ewropa għaddejja gwerra fl-Ukrajna, u b'hekk il-messaġġ tagħha hu iktar effettiv. "Unseen and Unheard: Stories of Women Under Fire" hi kkurata minn Justine Balzan Demajo.

**TAĦDITA DWAR SUNETT LI GĦOSFOR TA' BUONAMICO**

Nhar l-1 ta' Diċembru 2022 Dr Olvin Vella ta taħdita bl-isem ta' "Is-Sunett ta' Buonamico li Għosfor Mitt Sena Ilu." Jidher li Ġan Franġisk Buonamico, poeta Malti li kiteb għadd kbir ta' poeżiji bil-Latin u xi oħrajn bit-Taljan u l-Franċiż madwar l-1670, kiteb waħda biss bil-Malti. Din il-poeżija, li hu sejħilha sonetto, għosfrot mill-manuskritt li kienet fih imma għall-inqas waslulna żewġ kopji tagħha. Agius de Soldanis ikkopjaha mitt sena wara, u Agostino Levanzin ikkopjaha minn fuq l-oriġinal ta' Buonamico fl-1910. It-tnejn qalu li mxew fedelment mal-oriġinal, imma fil-fatt tbiegħdu minn xulxin aktar minn sittin darba. Vella tkellem dwar kif id-differenzi jikxfu d-djaletti differenti ta' Buonamico (twieled il-Belt fl-1639) u Agius de Soldanis (twieled ir-Rabat, Għawdex, fl-1712). U wara l-ħruġ ta' edizzjoni oħra tal-Journal of Maltese Studies, rivista tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università li kienet iddedikata lil Buonamico bis-saħħa tal-kollaborazzjoni ġeneruża ta' Giovanni Bonello, setgħu jiġu mifhuma ħwejjeġ ġodda, bħal l-għaliex Buonamico uża ċerti metafori bħal li Malta, kieku ma kienx għall-Gran Mastru Nicola Cotoner, kienet tibki l-ġuħ. Dawk preżenti għat-taħdita semgħu wkoll għala l-ftuħ "Mejju ġie bil-Ward u ż-Żahar" aktarx jaħbi sens doppju. Dr Olvin Vella jgħallem l-istorja tal-lingwa fid-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta. Kien President tal-Akkademja u bħalissa huwa l-President tal-Kunsill tal-Malti. Din it-taħdita saret ġewwa l-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, Valletta, u kienet parti mill-programm kulturali abbinat mal-wirja 'Sunetti: Minn Fomm u Qalb il-Poplu' (NOV-DIĊ 2022) li kienet miftuħa għall-pubbliku bla ħlas.

**LIBRERIJA LGBTIQ+ FIL-MOSTA**

Il-Malta Gay Rights Movement għandu l-librerija tiegħu bl-isem ta' Rainbow Library. Din tiġbor fiha kollezzjoni ta' kotba għal dawk kollha li jħobbu l-letteratura queer. Inizjattiva oħra hija dik li f'dan l-ispazju jiġu organizzati lejljiet ta' diskussjoni dwar kotba b'temi LGBTIQ+. Din il-librerija tinkorpora iktar minn 300 ktieb u għandha temi differenti bħal bijografiji, storja, trans/non-binary, poeżiji, kotba klassiċi, letteratura fittizzja għall-adulti, letteratura fittizzja għaż-żgħażagħ, kotba għat-tfal, zines, HIV, politika u edukazzjoni fost oħrajn. Il-librerija hija b'xejn għal min għandu sħubija tal-fidda jew tad-deheb mal-MGRM, filwaqt li hemm miżata ta' 5 ewro għal dawk li għandhom sħubija bażika. Il-librerija tinsab ġewwa l-uffiċċju tal-MGRM fil-Mosta (32, Triq il-Parroċċa) u tkun miftuħa kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn it-3 u s-6 ta' wara nofsinhar. Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jidħol fuq il-paġna Facebook tal-MGRM jew iċempel permezz tan-numru 99255559.

**IMUT IL-POETA MILL-KASHMIR ABDUR REHMAN RAHI**



Nhar id-9 ta' Jannar 2023 miet il-poeta mill-Kashmir Abdur Rehman Rahi, fl-età ta' 97 sena. Huwa ddedika ħajtu għall-promozzjoni ta' lsien pajjiżu - għollieh għal-livell t'ilsna oħra bħall-Persjan u l-Urdu, żewġ ilsna importanti fil-Kashmir - u għen biex il-poeżija b'ilsienu tiddistingwi ruħha. Ħadem matul ħajtu bħala *opinion writer*, kittieb u professur universitarju. Ippubblika iktar minn tnax-il ktieb ta' poeżija u proża f'ilsienu, ilsien mitkellem minn iktar minn sitt miljun persuna. Rehman Rahi twieled fis-6 ta' Mejju 1925 f'familja Musulmana fqira fiż-żona tal-Wazpora fil-belt ta' Srinagar. Matul ħajtu kellu reputazzjoni ta' poeta progressiv. Minkejja li l-poeżija tiegħu qatt ma ttrattat il-politika direttament, xorta waħda fi żminijiet ta' taqlib politiku l-versi tiegħu esprimew diqa u wġigħ quddiem il-vjolenza li kienet qed isseħħ.

# Reazzjonijiet




Ittri

**Email mingħand Manuel Casha (L-Awstralja), il-21 ta’ Ottubru 2022**

Grazzi Patrick,

Nifraħlek dejjem għax-xogħol siewi tiegħek, partikolarment għalina l-emigrati li dejjem mixtiqin mix-xogħol bil-Malti.

Saħħa u sliem,
Manuel Casha (L-Awstralja)

**Email mingħand Emmanuel Attard Cassar, il-25 ta’ Ottubru 2022**

Għażiż Patrick,

Nixtieq nifraħlek ħafna li f'dawn l-aħħar għaxar snin tajtna IL-PONT li fih tajt stampa ċara ta' x'inhu jiġri fil-kamp letterarju Malti, u mhux biss. Napprezza l-impenn, l-imħabba u l-ħin biex b'mod regolari tagħtina din ir-rivista.

Grazzi dejjem u sliem,
Manuel

**Email mingħand Philip Borg, l-4 ta’ Diċembru 2022**

Għażiż Patrick,

Ħajr għall-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT. Għal darb'oħra fissret sew dak li ktibt int fl-editorjal: "IL-PONT jagħti spazju wkoll biex dak li jkun jara kemm il-Malti huwa lsien sabiħ meta jinkiteb minn min iħobbu verament." Għax il-kitbiet u versi bil-Malti li xxandar iżidu jistagħnew b'dawk miktubin fl-ilsien l-ieħor uffiċjali tagħna - l-Ingliz, kif ukoll fl-ilsien tal-ġirien tagħna li minnu żidna l-firxa wiesgħa tal-vokabularju tagħna... bit-tama li ma nwarrbux dak oriġinali u naturali tagħna!

Ngħid għalija t-Taljan ħabbejtu sew fis-snin meta studjajt f'Ruma, imma fl-istess żmien sirt inħobb wisq iktar il-Malti. Ma nafx infisser għaliex sewwa sew, imma meta kont nissaħħar bi ġmiel l-ilsien Taljan, fhimt aktar kemm hu għani lsienna, il-kelma bnina ta' ġens hekk ċkejken magħruf biss fuq żewġ gżejjer bil-kemm jidhru fil-mappa. Seta’ kien il-fatt li kull komunikazzjoni ma' qraba u ħbieb kienet biss permezz tal-ittri - aktarx twal u dettaljati, meta ħadd ma kien beda joħlom bil-mobajls u l-essemessis għall-ħeffa. Sħabi studenti barranin kienu jitbellhu jisimgħuna nitkellmu meta kien iżurni xi ħadd Malti, u meta kienu għadhom bilkemm bdew jemmnu li jeżisti pajjiż jismu 'Malta'! Seta’ wkoll kien il-fatt li fl-istess żmien kont nagħmilha ta’ korrispondent għall-istazzjon nazzjonali tagħna u l-iktar fis-snin sebgħin, snin tassew imqallba fix-xenarju tal-peniżola qribna. Servieni ta’ taħriġ biex naqleb għall-Malti bl-idjoma Maltija miktuba sew.

IL-PONT kif tħawru inti jfakkarni f'dan kollu. Għalhekk ngħid li l-mod kif int iżżewqu b'kitbiet, intervisti u riċensjonijiet ta' ħbiebna Taljani, bħal donnu jżejjen l-ilsien Malti fi gwarniċ li jippreżentah fil-bixra internazzjonali tiegħu. Anzi, inżid li jgħolli l-prestiġju ta' lsienna li għandu ħila jfisser ħsibijiet profondi jew għoljin daqs kull ilsien ieħor. U dan meta b'xorti ħażina sar hawn imsejknin li jqisuh inferjuri... dawk li ma fehmux il-karba jew twiddiba ta' Dun Karm dwar namur ma' ilsna oħra!

Mill-ġdid ħajr Patrick u prosit. Bilħaqq, 'prosit' hija ġabra ta' żewġ kelmiet (pro-sit), il-konġuntiv tal-kelma Latina 'prodesse' li tfisser "li tkun ta' benefiċċju għalik". Infatti, IL-PONT huwa 'prosit' lilek għall-benefiċċju tagħna wkoll li nirċevuh u nitgħallmu minnu.

Tislijiet,
Philip Borg

**Email mingħand Rita Gatt, is-7 ta’ Diċembru 2022**

Għażiż Patrick,

Grazzi minn qalbi ta' din ir-rivista tant interessanti. Nifhem li bniedem bħalek tant impenjat, ikollok ħafna xogħol biex tlesti rivista bħal din, anzi nammira d-determinazzjoni tiegħek li dejjem iżomm l-appuntament magħna u tagħtina rigal tant għani bħal dan, kull tliet xhur.

Fil-ġranet tal-Miied ħa nipprova nsib ħin sew biex naqraha bil-kwiet. Napprezza ferm li għoġbok tinkludi l-kitba tiegħi għal darb'oħra. Tassew nimtela bil-kuraġġ.

Ħajr minn qalbi,
Rita

**Email mingħand John Caruana, l-10 ta’ Diċembru 2022**

Sliem Patrick.

Grazzi u napprezza ħafna x-xogħol li tieħu biex tibni l-ħarġiet ta' IL-PONT. Mhux dejjem ikolli ċans naqra kollox, imma dak li jirnexxili naqra huwa tassew ta' livell għoli.

Saħħiet,
John Caruana


USER 1
USER 2
P3.2K
F4.0
MF89
Z31
BARS
EVF DTL
ZEBRA
LCD
WFM
COUNTER–RESET/TC SET
AUDIO
CH1 SELECT
INT(L)
INPUT 1
INPUT 2
CH 2 SELECT
INT(R)
INPUT 2
CH 1
AUTO
MANU
CH 2
AUTO
MANU
FUNCTION
SHTR/F.RATE
DIAL SEL
DISP/
MODE CHK

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL NOEL CACHIA

**Meta u kif bdiet din il-ġibda tiegħek lejn il-kitba? Kien hemm xi għalliema jew kittieba Maltin jew barranin li ħallew impatt fuqek f'dan is-sens?**

Meta kont l-iskola primarja konna ningħataw il-proġetti li kont nippreferi niktibhom bil-Malti. F'kull wieħed kont inħażżeż xi taqbila li kienet tkun imfaħħra mill-għalliema u dawk li jaqrawha. Aktar tard bdejt nikteb taqbiliet li kont inżommhom għalija biss. Il-kittieba fil-gazzetti u fir-rivisti 'Sagħtar' u 'Ġabra ta' Ward' komplew iħeġġuni biex nikteb. Magħhom nista' nżid kull ktieb li qrajt b'mod speċjali dawk li ridna nistudjaw għall-Matrikola tal-Malti fosthom 'Qasba mar-Riħ' tal-poeta Anton Buttigieg. Meta kont is-6th Form il-poeta Mario Azzopardi kien jgħallimna l-poeżija moderna u kompla jħeġġiġni biex nikteb. Fl-1992 ħadt kors fis-Sengħa tal-Kitba mogħti mill-Profs. Oliver Friggieri fiċ-Ċentru Mikiel Anton Vassalli l-Fleur De Lys. Fl-Università komplejt ninġibed għall-kitba b'mod speċjali meta għamilt it-teżi tiegħi li kienet 'Biblijografija tar-Rivista Il-Malti', fejn iltqajt ma' diversi awturi u ġeneri varji. Fosthom il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila, Anastasju Cuschieri, Rużar Briffa, Karmenu Vassallo, Francis Ebejer, Lino Spiteri, Ġorġ Borg, Frans Sammut, Trevor Zahra u Achille Mizzi. Kittieba barranin li ħallew impatt fuqi jinkludu lil Enid Blyton, William Shakespeare, John Keats, Robert Louis Stevenson, Charles Dickens, John Milton, Dante Alighieri, Leo Tolstoy u Immanuel Kant fost oħrajn.

**Temi għal qalbek fl-istejjer qosra tiegħek huma l-familja, it-twemmin, l-imgħoddi, u ħwejjeġ li jintrabtu ma' ħajja tradizzjonali. Xi tgħid dwar dan?**



Meta nikteb fuq it-tfulija tiegħi awtomatikament insemmi ħwejjeġ li jintrabtu ma' ħajja tradizzjonali. It-tema tal-imgħoddi hija ovvja għax qed nikteb fi żmien ta' meta kont tifel. Il-logħob tagħna kien barra fit-triq jew f'xi għalqa; sempliċi u ma jiswiex flus: ħarba, noli, passju, Queeny Queeny, futbol, boċċi, żibeġ, it-tiġieġa l-għamja, qbiż tal-lasktu, tlielaq bl-iscooter boards u l-beach buggies u iżjed.

Dik il-ħabta, id-dar tal-ġenituri kienet il-ġabra tal-familja mal-ulied kollha li kienu għadhom xebbiet u ġuvintur. Ma niftakar lil ħadd (tal-inqas mill-familjari tiegħi) li telaq mid-dar u mar jgħix għal rasu.

It-twemmin kien dak Kattoliku. Iżjed u aktar meta l-ħarġiet tagħna kienu jkunu sal-Knisja, il-Mużew, l-Imħażen tal-Armar tal-festa u l-Lega Azzjoni Kattolika li kollha kienu mmexxijin minn patrijiet, superjuri u nies reliġjużi.

Il-kotba li konna naqraw bil-Malti kienu jittrattaw dil-ħajja tradizzjonali komuni li ma kinitx daqshekk mgħaġġla.

**Id-djalogi fl-istejjer tiegħek jagħtu ħajja u jwasslu bosta dettalji lill-qarrej. Dan tagħmlu apposta, jew hi xi ħaġa naturali meta tiġi biex tikteb?**

Fil-maġġoranza tagħhom huma naturali. Tant hu hekk li kemm-il darba l-pinna ħarbet bija u mbagħad ikolli noqgħod inqaċċat! Iżda kultant swieli ta' ġid għax min-novella li kelli f'moħħi tinbet oħra u nispiċċa nikteb tnejn! Bħala xhieda huma ż-żewġ novelli 'Ħuti l-Qronfliet Anġli fis-Sema' u 'L-Erba' Qronfliet fir-Rokna tal-Ġnien' li dehru fi *Vjaġġi Infiniti*. Drabi oħrajn nagħti ħajja u nwassal bosta tagħrif apposta għal raġunijiet varji: ngħallem, ninbex, nimplika, niddeskrivi l-karattri, il-postijiet, iż-żminijiet u nisħaq fuq xi punt utli li jiddetermina l-istorja.

**L-għażla tat-titlu *Vjaġġi Infiniti. Stejjer u Tifkiriet* (2019) għażiltu għax mill-personali tilħaq l-universali, u dak li tikteb dwaru hawn seħħ u għadu jseħħ min jaf kemm-il darba fl-istorja tal-bniedem? Taħseb li "vjaġġi" bħal dawn li tiddeskrivi se jkomplu jseħħu fil-ġejjieni?**

L-għażla tat-titlu oriġinarjament kien *Vjaġġi Infiniti*. Iżda l-awtur tad-daħla, il-Profs. Oliver Friggieri, issuġġerieli biex inżid 'Stejjer u Tifkiriet' biex niddeskrivi x'inhuma. Dawn l-istejjer ktibthom wara li miet missieri u b'mod speċjali għalih. Ġbart 10 minn ħafna iktar li dehru f'ħarġiet oħrajn jew li għadni ma ppubblikajtx. Dawn il-kitbiet kollha flimkien ma' għadd ta' poeżiji swewli ta' terapija. Jiena nemmen li għad niltaqa' ma' missieri f'ħajja oħra eterna. Għaldaqstant il-bniedem ma jmut qatt. U fl-introduzzjoni tal-ktieb esprimejt din l-emmna fi tliet versi:




Mal-Konċepiment
il-Ħajja Tibda l-Mixja Bla Tmiem...
il-Vjaġġ Infinit.

Terġa', dawn l-istejjer f'dil-ġabra jqanqlu ċerti ħsibijiet u kurżitajiet. Il-maġġoranza ta' dawn in-nisġiet fihom sens ta' tkomplija. Il-mixja li temmew il-karattri permezz tal-mewt qegħdin jissoktawha f'post etern. Jinħassu wkoll ix-xewqat għal din il-ħajja infinita. Drabi oħrajn xi tifkiriet se jibqgħu immortali. Il-qarrej, iżjed u aktar jekk ikun sensittiv, faċli jemozzjona ruħu. Dawn kienu r-raġunijiet li l-ktieb issemma, *Vjaġġi Infiniti – Stejjer u Tifkiriet*.

F'dawn ir-rakkonti bħal f'kull proża hemm dik ix-xi ħaġa li tkun smajt, rajt, ħsibt, ħlomt, qrajt u għalhekk ġrat tassew. Iżda mhux bilfors dawn l-esperjenzi ġarrabthom jiena l-awtur. Seta' għadda minnhom ħaddieħor iżda tant ikollhom effett fuqi li mbagħad nesprimihom fil-kitba. Ma' dawn ir-realtajiet jiena waħħadt l-immaġinazzjonijiet tiegħi biex inżewwaq u nagħti rakkonti mlewnin u fittizji. Għaldaqstant mill-personali għaddejt għall-universali għax il-problemi eżistenzjali bħall-ansjetà, il-biża', is-solitudni, l-uġigħ, il-mard, it-tbatija u l-mewt, iġarrabhom kulħadd f'kull żmien u spazju u għaldaqstant fil-ġejjieni wkoll.

**In-novelli tiegħek għandhom mir-ritratt nostalġiku. B'xi mod flimkien jgħaqqdu album jew enċiklopedija li jixħtu dawl fuq kif konna ngħixu, nilagħbu u ngħaddu l-ħin fl-imgħoddi. Kemm taħseb li stejjer bħal dawn jiġu apprezzati mill-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada, anki mingħajr l-għajnuna ta' min għex dawn iż-żminijiet u esperjenzi fl-ewwel persuna?**

Għalkemm għandi l-preferenzi tiegħi jiena napprezza kwalunkwe xogħol b'mod speċjali artistiku. Qrajt diversi kotba, magażins, rivisti kemm letterarji sew storiċi li jixħtu dawl fuq ħajjet missirijietna. Bħala eżempji nsemmi r-rumanzi *L-Isqaq* u *Qabel Telgħet ix-Xemx* ta' Ġużè Chetcuti; *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer; *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina; *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* ta' Oliver Friggieri; 'Ġensna' sensiela ta' artikli li dehru fil-gazzetta 'It-Torċa' ta' Raymond Mangion; u awtobijografiji ta' diversi awturi, sportivi, atturi, storiċi u l-bqija. Ħadt interess billi fittixt tagħrif, ritratti u staqsejt fejn stajt, nies li għexu f'xi żminijiet minnhom. B'hekk kabbart l-għarfien personali. Naħseb li l-album jew l-enċiklopedija tiegħi għandha tkun apprezzata wkoll mill-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada. Anzi kitbiet simili jafu jkunu suġġetti għal riċerki u teżijiet fuqhom bħalma diġà saru. Illum it-tfittix għall-informazzjoni hu ferm iżjed faċli minn meta kont l-iskola jien għax il-kompjuter u l-internet ma kinux jeżistu. Ovvjament, min ikollu nies li għexu dawn iż-żminijiet jafu jikkonfermaw, isostnu, iżidu u jarrikkixxu t-tagħrif li għaddejt jien. Imma fuq kollox jiddependi mill-gosti u l-interessi li jkollu l-individwu.

**Karattri, ambjenti u sitwazzjonijiet huma tliet elementi importanti fir-rakkonti tiegħek, u kull rakkont jinbena "fuq ġrajja ċentrali waħda b'nisġa ta' fatti li dlonk iwasslu għall-qofol u għall-għeluq", kif issostni inti stess fid-**

**Daħla għal *Stejjer ta' Dari u tal-Lum – it-Tieni Ħarġa* (2018). Dan l-għarfien dwar kif tinbena u tinkiteb storja hu xi ħaġa naturali fik jew akkwistajtu permezz tal-qari u tal-istudju akkademiku?**

Hija xi ħaġa naturali fija iżda kabbartha permezz tal-qari u tal-istudju akkademiku taħt il-gwida tal-Profs. Oliver Friggieri u l-Profs. Charles Briffa. Fil-korsijiet tal-B. A. bl-Unuri u dak fis-Sengħa tal-Kitba tgħallimt fuq diversi ġeneri fosthom in-novella, l-istorja qasira, ir-rumanz, il-poeżija, il-kritika u l-bqija. Fit-tweġiba għar-raba' mistoqsija ktibt kif tinbena l-proża. Il-ġeneri l-oħrajn ukoll għandhom il-binjiet speċifiċi tagħhom jew l-għodod biex jiġu analizzati. Iżda l-ħiliet komuni biex ktibt jew ikkritikajt testi letterarji kienu l-qari u l-prattika.

**Ir-rakkonti tiegħek għandhom mill-innoċenza ta' min għadu jemmen f'dinja mhix korrotta; jispiraw ruħhom minn dak li hu ċkejken u umli. Hemm imbagħad in-narrattiva ta' kittieba kontemporanji li trid tixxokkja permezz ta' lingwaġġ u deskrizzjonijiet grafiċi u li jdarrsu. Xi tgħid dwar dawn iż-żewġ estremitajiet, dejjem jekk temmem li huma estremitajiet?**

Il-maġġoranza tar-rakkonti fiż-żewġ ħarġiet ta' *Stejjer ta' Dari u tal-Lum* jittrattaw l-iżjed l-innoċenza ta' min għadu fit-tfulija fejn kollox huwa ħelu u sabiħ. Huma wkoll ispirati minn dak li hu ċkejken u umli. Madankollu, fl-istess stejjer, il-karattri tfulin isiru adoloxxenti, żgħażagħ, irġiel, nisa u anzjani li jixxennqu għal dak iż-żmien ħelu kif għaddejtli! Fil-fatt għalhekk il-kotba semmejthom *Stejjer ta' Dari u tal-Lum*. Terġa' wkoll li dawn ir-rakkonti kif ġraw fl-imgħoddi jistgħu jseħħu fil-preżent. Il-lingwaġġ li nuża huwa korrett u ma nfittixx li nikteb lessiku vulgari. Tarġa' l-istil tiegħi huwa sempliċi, mexxej u mifhum minn kulħadd. Iżda kull awtur għandu l-istil tiegħu. U kull min iħoss il-bżonn li jixxokkja permezz ta' lingwaġġ u deskrizzjonijiet grafiċi u li jdarrsu, affari tiegħu.

**Kemm temmen li l-kitba tista' tħalli effett tajjeb jew ħażin fuq il-qarrej? Liema huwa l-veru għan tal-kittieb... hemm aktar minn hekk?**

Nemmen ħafna li l-kitba, bħat-taħdit, it-teatru, il-film u l-mużika, fost mezzi oħrajn, tista' tħalli effett tajjeb jew ħażin fuq il-qarrej. Iżjed u aktar jekk dan ikun sensittiv u jibqa' jaħseb fuq dak li jkun qara, sema' jew ra. L-iskopijiet tal-kittieba jafu jkunu diversi u varji. Personalment, jien inħoss il-bżonn biex nikteb il-letteratura. L-għanijiet tiegħi huma li nagħti gost u ntaffi t-tbatija kemm personali kif ukoll tal-qarrejja. Intenzjonijiet oħrajn huma li nibgħat messaġġ, ngħallem u ngħaddi valuri tajbin. Permezz ta' kitba faċli, mexxejja u tinftiehem, nipprova nilħaq nies li għandhom edukazzjoni elementari. Fil-fatt il-kitba tiegħi hi mmirata għal persuni li ma marrux skola; kemm għax din ma kinitx obbligatorja, kif ukoll għax ħarġu jaħdmu biex jgħajxu lill-ġenituri u lil ħuthom. Jiena nikteb u nippubblika wkoll biex mill-bejgħ tal-kotba nagħti donazzjonijiet lill-għaqdiet filantropiċi. Nemmen li Alla silifni dan id-don biex inkabbru u nħaddmu għall-ġid tal-oħrajn. Għaldaqstant b'dawn l-għotjiet inkun qed nirringrazzja 'l-Mulej u nrodd ftit mill-ħafna li tani.

**Inti tikteb ukoll il-poeżija. Għandek il-ġabra ta' ħajku *Kelmet ir-Ruħ* (2021) li huma kollha poeżiji ta' tliet versi ispirati mit-twemmin Nisrani. Meta, u x'wasslek biex tiktibhom? Għandek ġabriet ta' poeżiji oħrajn, forsi miktubin bi stili differenti, dwar temi differenti?**

Waqt li kont qed nieħu l-kors tas-Sengħa tal-Kitba (1992) u nwettaq it-teżi tiegħi, 'Biblijografija tar-Rivista Il-Malti' (2004), iltqajt ma' diversi ġeneri fosthom il-ħajku. Din il-forma poetika tant laqtitni li xtaqt nikteb biha. Għall-bidu ħsibt li se tkun faċli iżda sibt li kienet pjuttost diffiċli. Madankollu qrajt, għarbilt u ktibt 'il fuq minn 2000 wieħed li 345 dehru f'*Kelmet ir-Ruħ*. Din il-ġabra kienet imnebbħa minn penitenza li tani Mons. Lawrence Gatt waqt qrara fir-Randan (2019). Ridt nagħmel passiġġata u matulha noqgħod nimmedita fuq it-tbatija ta' Kristu. Hekk għamilt! Iżda waqt il-mixja ħassejt li kien hemm xi ħaġa fija li ridt nesprimiha. Tlabt biex nara x'inhi dil-fjamma għax sa dak il-ħin ma kontx naf x'kienet! Ħassejt min jistaqsini jew jgħidli, "għax ma tiktibx? Ikteb! Ikteb!" Issa dik il-ħabta kont qed inħożż diversi ħajku fuq temi differenti. Minnufih iddeċidejt li l-ħsibijiet u l-ħsus spiritwali nesprimihom f'dil-forma poetika. Dak kien il-punt tat-tluq għal din il-ġabra ta' ħajku. Issa Dun Ġorġ kien jgħid li 'Xejn ma jsir b'kumbinazzjoni!' Għaldaqstant illum nistqarr li dik il-penitenza kienet intenzjonata biex nikteb *Kelmet ir-Ruħ*.



Fil-frattemp lestejt ġabra ta' ħajku oħra bl-isem *Minn Fomm il-Qalb* b'daħla tal-Profs. Joe Friggieri u li t-tnedija tagħha saret fil-ħarifa tal-2022. Fil-qosor ta' kull ħajku (406 b'kollox) esprimejt ħsieb jew sentiment inkella xbieha waħda biss. Ir-ritmu jidwi x-xeħta tal-kontenut ironiku, riflessiv, umoristiku, didattiku, filosofiku, u aktar. Parti mit-tifsira ta' din il-forma poetika Ġappuniża msejħa ħajku huma l-konċiżjoni, is-suġġestjoni, l-implikazzjoni, u s-sens moħbi bejn il-versi. Għandi wkoll tliet kotba oħrajn ta' ħajku li bħalissa qed niġborhom u nikklassifikahom skont it-tema f'ordni alfabetiku.

Iżda jien ma niktibx biss ħajku. Ktibt poeżiji oħrajn bi stili u b'temi differenti. Il-maġġoranza huma miktubin bi stil modern, b'versi ħelsin li joqorbu wkoll għall-proża. Imbagħad fin-novelli nikteb kwadretti poetiċi. Għaldaqstant fiż-żewġ ġeneri noħloq il-poeproża. Fost it-temi ta' dawn il-poeżiji hemm: l-ambjent, il-ħolqien, l-umanità, l-annimali, ir-reliġjon, ir-razziżmu, l-isport, it-tfulija, it-tbatija, l-imħabba, il-ħajja, il-mewt, l-eternità u l-bqija.

**Inti ktibt rumanzett *Talb u Tama* ambjentat fil-festa ta' Santa Venera kif ukoll *Taħriġ il-Fehim* fuq dan ir-raħal. Fl-istejjer tiegħek tirreferi wkoll għal Santa Venera kemm għall-Qaddisa, kif ukoll għar-raħal li jġib isimha. X'tikkummenta fuq daż-żewġ pubblikazzjonijiet u għaliex issemmi frekwentement lil Santa Venera fil-letteratura tiegħek?**

Ir-rumanzett *Talb u Tama* hu ddedikat lil dan ir-raħal u l-festa titulari tiegħu ta' Santa Venera. Kienu diversi r-raġunijiet għalfejn ktibt din in-narrazzjoni. Fosthom għaliex xtaqt inżomm ħajjin il-memorji tiegħi, tal-familja u tal-festa. Tifkirieti huma wkoll ta' dawk in-nies li bejn wieħed u ieħor għandhom l-età tiegħi jew akbar minni. F'dan ir-rakkont il-familja tagħna 'Ta' Cachia' hija xempju ta' kwalunkwe familja oħra dilettanta tal-festa jew ta' dak li b'xi mod huwa marbut magħha. It-tfajla Veni tirrappreżenta lil dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux jibqgħu jagħtu kontribut jew jieħdu sehem. Il-karatteristiċi ewlenin tal-festa tagħna baqgħu dawk li writna minn missirijietna: ċelebrazzjoni ħelwa, sabiħa, paċifika, familjari, materjali daqskemm hi spiritwali. Għalkemm ir-rakkont huwa ambjentat fl-imgħoddi, irreferejt għall-preżent ukoll. Peress li ċerti ġrajjiet, attivitajiet, avvenimenti, użanzi, kant u l-bqija għadhom attwali, l-istorja hija wkoll kontemporanja. Dawn il-fatti, żewwaqthom b'karattri, każijiet u sitwazzjonijiet fittizji u kreattivi biex insebbaħ il-kitba.

Il-ħajra biex nikteb *Taħriġ il-Fehim fuq Santa Venera* nibtet meta bdejt inħejji l-karti tal-eżamijiet għall-istudenti. L-iskopijiet biex inwettaq dan il-ktieb kienu diversi. Dak ewlieni kien biex in-nies, b'mod speċjali l-Vendriżi, ikunu jafu iżjed dwar ir-raħal tagħhom. Il-kultura, il-letteratura, l-istorja, il-mużika, il-bandiera, il-bini, u r-reliġjon huma fost it-temi li jagħtu identità. Meta l-bniedem jagħraf lilu nnifsu u f'dan il-każ x'jagħmlu Vendriż, iħoss, japprezza, iħares, iħobb u jaħdem għal raħal twelidu.

Jien għażilt għaxar temi prinċipali li fl-opinjoni tiegħi huma l-aktar popolari u li jagħmluna Vendriżi. Inħoss li b'dawn it-titli se naqsam magħhom esperjenzi u emozzjonijiet kemm proprji kif ukoll komuni. Hemm diversi suġġetti oħrajn li jiddistingwuna mill-bqija tal-bliet u l-irħula. Xtaqt ninkludihom ukoll iżda għalissa ridt nagħmel għaxra biss.

F'kull pubblikazzjoni li ħriġt s'issa dejjem inkludejt kitbiet fuq Santa Venera. Dan għamiltu u nkomplu nwettqu sforz l-imħabba li għandi lejn dan raħal twelidi u lejn il-Qaddisa rappreżentata fi xbieha kollha ġmiel u għaxqa li aħna l-Vendriżi nfaħħruha u nkantawlha, 'Sabiħa! Sabiħa! Sabiħa!' Xi drabi dar-referenzi fuq Santa Venera niktibhom awtomatikament u spontanjament. B'hekk, mingħajr ma nkun naf, inkun qed nikxef l-identità tiegħi. Iżda f'okkażjonijiet oħrajn id-dettalji fuq raħal twelidi u l-Qaddisa li ġġib l-istess isem, infittixhom u noħloqhom biex il-kitba npinġiha bl-isfar u l-blu (kulur il-bandiera tal-lokal). L-għan tiegħi huwa li nagħti letteratura lil Santa Venera.

**Min hu Noel Cachia bħala bniedem? Kif jgħaddi ġurnata tipika tiegħu? Passatempi?**

Sempliċi, umli, ħawtiel u perfezzjonist. Il-ġurnata tipika nqattagħha x-xogħol l-Mcast fejn naħdem bħala għalliem tal-Malti. Id-dar inkompli bil-ħidma billi noqgħod nikkoreġi, nippjana l-lezzjonijiet u nwettaq xogħol relatat. Nagħmel ukoll il-qadjiet u x-xogħlijiet fid-dar bħal ħasil, tfarfir, knis, tisjir u kulma jkun hemm bżonn. Inħobb u nagħmel mezz li nisma' quddiesa kuljum. Fil-ħin liberu nwettaq in-namriet tiegħi li huma: il-qari, il-kitba u t-twettiq t'attività sportiva. Fuq it-tv inħobb insegwi programmi fuq il-letteratura, il-festi, il-kultura, l-istorja u l-isport b'mod speċjali l-futbol u r-ragbi.

**Proġetti futuri?**

Għandi mibdijin sitt kotba ta' novelli, rumanz, bijografija, ħames kotba ta' poeżiji li erbgħa minnhom huma stil ħajku u riċerka fuq l-Innu Popolari lil Santa Venera.

## ĦAJKU

F'Jum id-Duluri
f'kulħadd nara lil ħuti
jitolbu 'l ommhom.

L-Irxoxt ġera tul
xi toroq wesgħin tal-belt
mingħajr m'għamel pass.

Kristu Rxoxt, ġedded
qalbna mġebbla, f'imlaħħma
mimlija mħabba.

**NOEL CACHIA**
**(minn *Kelmet ir-Ruħ*, 2021)**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## ANNAMARIA WELDON TITKELLEM MA' IL-PONT DWAR *STONE MOTHER TONGUE* (UWAP, 2018) U ĦWEJJEĠ OĦRA - L-ewwel parti



***Stone Mother Tongue*** **is a voyage through the history of the Maltese islands going back to the origins. It is also an exercise in remembering, search in the depths of the being who is writing, the poet. Your thoughts?**

Patrick thank you for these searching questions. I reveal more of myself in poetry, so I'll be talking to you from my poet's persona, so to answer you I have used several quotes from my recent collection, *Stone Mother Tongue* (UWAP, 2018). When I'm writing poetry, I seem to know far more than I realize or admit to in prose or in everyday conversation. This knowledge arrives not exclusively through our five senses but via some finely tuned acuity, for which we no longer have a name. Perhaps I enjoy writing about past cultures (both Maltese and Australian) because 'once upon a time' this capacity of ours was recognised and cultivated.

Your question takes me to that subtle capacity within each of us which, when open, receives information still stored in archives of the past, resonances which persist in museums, in the streets of old cities and hamlets, in coastal caves and coves, or in little hidden countryside oasis with tumble-stone walls and shallow soil, and also in monuments. To me the whole of Malta is such an archive, entirely alive, redolent with inspiration and narratives – where even the stones sing. Poetic licence, for me, is all about freely expressing these experiences.

Early on in Malta before I left in 1984, and since then in Australia, as a writer I learned to trust archives as I trust my connection to place. I've been guided by Western academics like Ross Gibson and by Aboriginal Elders on Noongar land, who maintain that we can tune into vibrations which persist in diverse forms, be they landscapes, stones, artefacts or photographs. My aboriginal teachers, whose understanding is not limited to Western categorisations of our sensory input and rational mind, call me "an open circuit".

I respond to in-between-places, which is the reason I write a great deal about liminality. The Irish say that is where the veil is thinnest between this world and the other. In my poems these are always specific locations, not abstract nor imaginary, but grounded in the elements: places between the land and the sea or other coastal edges of lakes and rivers, and places between what's left of the past and the present. These are recognised as Temple ruins, in Malta, and as Sacred Sites in Australia's Aboriginal culture.  And your question affirms that at such places and also in poetry we




can also access such spaces inside our own consciousness, moments of heightened awareness; the space between our memories and our present lived experience, or possible futures we intuit. For me, such states of mind are symbolised by the Spiral found carved in so many places in Malta (and which I've seen elsewhere in the world). Spirals remind me of words about the labyrinth of time, written by Tomas Transtromer: 'Time is no straight line but it resembles rather a labyrinth and if you press yourself to the wall in the right way, you can hear hastened footsteps and voices. You hear yourself pass by, on the other side.'

**This poetry collection may also be interpreted as an invitation to the modern reader to rediscover his/her connection to the divine "in this age after belief" (Watchwords). How much is this so? And do you agree that *Stone Mother Tongue* is a collection penned by a woman in tribute to the power of the female body and spirit?**

Patrick, I've conflated your two questions into one because in my poetry, woman is the divine feminine. When we talk about Goddess or Feminine divinity, that spirit is always embodied in the physical forms within which we live and experience our being. I could not separate my answers! Actually, I find providing answers quite difficult. I incline towards ambiguity and write from a place of enquiry. My collection's titular poem on p 19 'Stone Mother Tongue' begins, as so many of my poems begin or end, with a question. I quote a few verses below:

Alabaster: such a beautiful word for silence.
Neolithic Venus, have you waited millennia
for me to be your voice, or was translucence
eloquent enough when they revered you?

When everything was the Goddess
and stone was our mother tongue
yellow-throated crocus were strewn at your feet
while you feasted on honey and broad beans

adoration swelled your breasts and fertile belly
men lived without weapons, women were weavers
and potters crowned in cowrie shells at death, whitened
bones dyed ochre with the blood of second life.

In the poem 'Hypogeum of Hal Saflieni' I say that "I went where She reigned." To visit this underground temple, you go down into the Earth's womb, where there is no sign of modern life. This is original ground, where my questions arise again, this time at the end of my poem where I ask about the statue of the sleeping woman or the sleeping goddess: "is she diviner or Divine?" In conflating the Sacred Feminine with the female body I take my cue from the theory that some of the Maltese temples were designed as the outline of a recumbent woman, in such a way that the rays of the rising sun at the Solstice penetrate far into the inner chamber. The symbology of heaven and earth united in procreation is unavoidable. And so in my poetry the female body or 'earth' and the heavenly power of divinity are at one. This is a theme repeated many times, in 'Sansuna', and in poems about childbirth and fertility. I think mythically, as when I see Malta from above as I fly home and describe it as the body of the goddess. Here is a short excerpt from the poem 'Incoming', which is the prologue of *Stone Mother Tongue*:

Home is the absence of sweetwater: carob groves
between shadowless fields, a small mosaic
of brown and matte stripped of tall trees,

low mounds and valleys, half-buried under buildings
of bleached limestone, quarried and farmed since pre-history
Its bare contours are a bronzed, recumbent goddess

all primordial creases and folds, her clefts and cleaves
cupping villages and hamlets. Thick flanked
and squat, dwellings with arched cloisters, flat roofs.

**What are your connections to Malta? Who is Annamaria Weldon today?**

I was born at Naxxar and left Malta in 1984 at the age of 34, when I was living in Lija with two small children and my Maltese husband, shortly after my first poetry collection *Ropes of Sand* was published.

On the back cover of my latest book, Australian poet Kevin Brophy commented that I write of the Maltese stonemasons of ancient monuments knowing which prayers to chant while hammering because my poems entwine the land with human history many thousands of years in the making. He added that "for Weldon life is all context and erasure". The phrase context and erasure is my own line from the same collection, and has deep significance for me. While the island remains part of my fundamental identity and the source of my personal 'symbology', those pre-verbal codes we absorb from our earliest surrounding and by which we de-cipher the world, for me there is also erasure.

This erasure is palpable. It persists in what we cannot know of and what is no longer there: ancestors, my mother my father my grandparents (all of whom are Maltese), the way

of life that they knew about. The impression which confronts us in Malta at every turn is the generations upon a generations, the millennia of antecedents who lived there and who are gone. The strongest signs of the way that they lived remains written in stone, a kind of lithic scripture.

I still visit Malta frequently, only to discover more erasures! The closest I come to a lament about that is in my poem 'Goddess we trample' (a few lines are quoted below) which is about the profanity of spiritual materialism, as in New Age tourism and by implication, the directional drift in that direction of modern society, with its compulsion to commercialise and desecrate the earth:

Archipelago, sleeping goddess whose body
we trample, tourists taking selfies, bored lovers
seeking mystery, stray dogs that piss on temple stones.

Inside the sanctuary walls, torba floors endure
as bone-white ground, broken as the silence now
deities are curios, gift shop souvenirs.

Erasure resonates also with my inner landscape as a migrant to Australia. My innate aesthetic sensibility co-exists with the vast erasure of my almost 40 years of absence from the island. It is why of necessity much of my poetry comes from divination: I listen, I see, I try to understand and interpret what isn't there any more, from residues, sillage, little clues and feelings. This is why I chose for my epigraph to the collection's first part a quote from Professor Ross Gibson's book, 26 Views of a Starburst World (UWAP, p. 135): I have to practise a mode of divination that is conjectural and intuitive and, to some significant extent undeniably fictional. To divine is to remember. More precisely, it is to re -member.

And you ask 'Who is Annamaria today'? Today I am known in Western Australia as a mother and grandmother, a poet and essayist, the author of four collections: *Ropes of Sand*, Malta 1983; *The Roof Milkers*, Australia Sunline Press 2008; *The Lake's Apprentice*, UWAP 2014; *Stone Mother Tongue*, UWAP 2018. I'm an active participant in the literary life of Australia and more particularly of Western Australia (as a poetry judge, spoken word performer, writing workshop facilitator, mentor and former community arts educator) and currently writing my memoir. But more revealingly I was recently asked by an artist, who is creating a flower-based jewellery exhibition inspired by significant women in her community, if I were a flower what kind would I be and why? Immediately I named a flower that grows on the cliffs beneath Mnajdra. Pennywort or Wandering sailor: Cymbalaria muralis.

I see my own circumstances and responses reflected in the living habits of this Cymbalaria muralis: the flower turns 'away from the light' when the season comes to deposit its seed in the sparse soil. It turns back again toward its roots, the damp and sheltered interior of its rocky niche, to drop its seed in the soil trapped there which will nurture new germination. Now it is time for me to complete writing my fifth book, a memoir. It is a long project and being older now, coping daily with complex health concerns, I focus my precious energy inward by living more slowly, simply and reclusively than I ever did. I try to write every day, and little by little, this withdrawal is bearing fruit! I carry these associations unconsciously until they surface when I find myself writing a 'double meaning' of something I've observed – a plant, landscape, weather - into my poetry, and find myself describing the specific qualities - of place or of rocks, or of plants - as though my identity were, for the duration of the poem, fused to theirs.

**When and where do you write poetry?**

Like so many young children I would seek out in-between places to play with toys, paper and pencil, toys, paints or imaginary friends on my own. I remember retreating to the flat top of a thick wall in the garden, also a parapet, then under the stairs or on a landing, and several corridors. That has translated into my adult creative life, and not only in sense of place (my writing room is a hideaway between the kitchen and terrace, filled with books and notepads) but in the metaphoric sense that inspiration strikes me when I'm on the cusp between things – it could be a literal place which inspires me, what nature writers call an ecotone, where one type of soil, geology and microclimate is transitioning to another, as this provokes fascinating mutations in plants growing there which must adapt to the different conditions in order to survive. And in the same way, it is often at transitions in my own life, or the remembered experience of such times, that poems arise. Poems – or the starting line of a poem – also visit me when I'm falling asleep or waking up. I've learned the hard way never to believe that I'll remember those words later. They have to be captured immediately. Nowadays I use the dictation app on my mobile phone. This initiating line, which blends an image and a feeling, seem to be selected and joined together in a phrase which feels 'given'- it comes without my consciously willing or directing the composition or synthesis.

A good example is the time I was invited by my Bindjareb Noongar mentor George Walley to visit the site of a tragic



massacre of his ancestors, on the banks of the Murray River some hours drive from my WA home. I spent hours there with him, which included a gentle traditional initiation, standing knee deep in the river, under the fragrant branches of trees called River Gums which smell of Eucalyptus oil. I was too affected, moved by the place and its story, so I could not write anything down but George gave me a branch of the aromatic River Gum tree to take home and its haunting scent filled my house. Five weeks later while brushing my teeth I 'thought' the line "She wakes with the smell of River Gums in her sheets...". The three stanza three sonnet poem which followed won a significant prize and has been published and published time and again. It is called 'The Memory of Earth'.

I have also written prolifically during writing opportunities I was awarded: there was a year of being mentored at the Fellowship of Australian Writers which produced my book *The Roof Milkers*, a writing residency to the Australian Coastal wetlands which resulted in my book *The Lake's Apprentice*, and in Malta (thanks to Spazju Kreattiv) to research the temples I found the inspiration and impetus for *Stone Mother Tongue*. I also use prompts from a lifetime of keeping notes in journals, a cache of quotes jotted down while reading, while visiting art galleries, while listening to writers during workshops, book launches, at Festivals, going around Art Galleries or in conversation. A creative journal or daybook is a must! It also helps me teach poetry as a writing practice.

But I cannot write in cafes or on a plane, or anywhere there is company. It was different when I was younger and mothering young children, I wrote anywhere and at any time inspiration struck. And until my mid-thirties, I could write from 'negative capacity': in times of emotional distress and from an excess of joy, too. After moving to Australia, where I was environmentally and culturally illiterate, I didn't publish poetry for 14 years, though I worked daily as a writer. In my fifties and sixties and now in my seventies privacy and peace are essential to create poetry, time alone undisturbed. It is why I live on my own.

**Poetry and travelling, how much are these experiences linked and how much are they essential to you?**

Travelling is not one of my favourite pursuits. It was thrust upon me from the age of 6 months. I would have been happier, I think, to live in the same street all of my life, but you don't always get what you imagine you wanted. My destiny was to change homes and schools and countries and languages many times before the age of 10, then after two decades in Malta, to emigrate - and now my partner is a dedicated traveller, so before Covid, I crossed the globe with him. Therefore, I experience life perpetually as a person in transition, a traveller in my own homelands.

There are obvious advantages to this, not least in a sharpness of perception, noticing what others take for granted both in Western Australia which is my new home, and in my birthplace Malta to which I often return. Poetry is my way of reconciling these perforations in my life! My research visits to Malta in 2015 and 2016 were filled with signs and wonders at every turn. Coming across a shard of pottery with incised bird shapes on it in the Ġgantija Interpretive Centre in Gozo, I wrote 'Ghost flocks', where I imagine the whole-of-community moment that might have been happening whilst the images of those birds were being incised on the clay. In order for a single artefact to conjure such scenes for me, over many years I've cultivated my knowledge by reading archaeology books, essays, interpretations, even controversies and speaking to archaeologists, while visiting ancient dig sites. At the opposite end of the size scale are Malta's gargantuan monuments, above and underground temples.

My Maltese heritage has given me a cultural background which helps me to engage with the true wisdom holders where I now live in Perth, such as George Walley, a respected cultural teacher in the Bindjareb Noongar community, a musician and historian. In answering your previous question I told you how he took me to the Massacre Site on the Murray River. George Walley also opened my book launch with an acknowledgement of country, which was his initiative and then gave a generous speech about our friendship and my work. He was the first to recognize and affirm my growing attachment to his country. George realised I did not prioritise Noongar narratives out of strategic awareness of prevailing eco-literary-politics (although I am pleased that reviewers commented on how *The Lake's Apprentice* contributes to the post-colonial project): he saw that I was led by my heart, by the pain of separation from my own land's lineage and elders, by my innate respect for traditional culture and a personal, deeply embodied experience of colonialism. I know its inheritance of loss: ignorance of one's own language, a blurred identity, a diminished sense of communal responsibility for the land. My Maltese social, spiritual and educational background watermarked me as one of the colonised (rather than one of the colonisers). I didn't have to explain this. Noongar elders are adept at reading strangers. George knows I love his land. And not only because I've been passionate about learning to read it, but because he's seen the way I react when we are in country together – quietly, contemplatively. And he says 'It loves you right back'.

Being a foreigner is humbling, because there still is so much I don't know about Australia – and I know that I don't know it! So, to write *The Lake's Apprentice* (UWAP 2014) I associated with artists, scientists and local groups - impassioned bio-artists, wildflower enthusiasts and birdwatchers, proactive conservationists who named the surrounding flora and fauna for me. I began to learn about my local landscape the way I would learn about any other culture: out of love for its language and history. And I only quote George Walley's stories in his words, I don't appropriate them as my own.

**[It-tieni parti ta' din l-intervista tidher f'IL-PONT li jmiss.]**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## INTERVISTA CON EMANUELA BERNASCONE AUTRICE DEL ROMANZO *MALTA BASTARDA,* ExCogita 2021

**Si può dire che Malta ti ha dato tanto in poco tempo, e che tu hai dato come regalo all'isola questo romanzo-vademecum che presenta Malta in una luce molto positiva? Com'è nato questo interesse nella nostra isola?**

Assolutamente sì, è andata proprio così. Io mi sono innamorata di Malta la prima volta che l'ho visitata, a gennaio 2020; la sua natura selvaggia, la storia millenaria, la stratificazione di culture diverse e anche contrastanti tra di loro… L'isola ha subito catturato la mia attenzione e mi ha fatto nascere il desiderio di conoscerla ancora meglio. Al mio ritorno in Italia ho iniziato a scrivere il mio primo romanzo e mi è venuto naturale ambientare la storia a Malta, un luogo di cui sentivo forte il potere creativo e che ha acceso in mente il desiderio di creare a mia volta.

**Ho notato che tutti i personaggi principali hanno più o meno un forte senso di osservazione e intuizione. È una caratteristica di chi scrive questo romanzo?**

Dato che in ogni personaggio del romanzo c'è qualcosa di mio è probabile che abbiano mutuato questa caratteristica da me! Ma è anche vero che io sono sempre stata attratta da persone sensibili e con grande capacità di attenzione verso il mondo e la vita, quindi mi è venuto naturale creare personaggi che mi piacessero, che avessero caratteristiche che io trovo interessanti. Devo ancora esercitarmi nel creare personaggi completamente negativi, per ora ho bisogno che ognuno di loro abbia qualcosa di attraente, almeno dal mio punto di vista.




**Il linguaggio che adoperi è molto attuale, con tante parole e frasi inglesi nelle intercapedini. Perché così tante parole inglesi quando hai potuto facilmente usare le equivalenti in italiano?**

Molti dei personaggi si ritrovano a Malta per un corso di lingua e quindi volevo che anche loro iniziassero a esprimersi in inglese, per scandire, grazie ai loro miglioramenti con la lingua, il tempo che passa.

**Grazie al personaggio di Afro esce il fatto che Malta è stata sottoposta a tantissimi cambiamenti in pochi decenni. Era più tranquilla e più conservata prima dell'avvento del turismo di massa. Hai avuto occasione di leggere qualche libro e vedere alcune foto nel riguardo prima o durante la scrittura di questo romanzo?**

Afro è un po' l'anima storica di Malta avendola visitata molti anni prima, soprattutto prima dell'avvento del turismo di massa. Ho parlato con persone che vivono a Malta che mi hanno raccontato del periodo antecedente che io ho trovato molto interessante e ho voluto ricordare nel mio romanzo, pur non avendolo potuto testimoniare in prima persona.

Malta non fa solo da sfondo alla storia, ma è a tutti gli effetti l'ottavo personaggio del libro e dunque era importante per me che fosse descritta nella sua interezza, così come tutti gli altri personaggi. L'isola infatti è la malta bastarda del titolo, il collante tra tutte le vicende dei protagonisti che senza l'isola non si sarebbero mai incontrati.

**Malta bastarda è un romanzo dentro il quale primeggiano personaggi italiani. Meno male che a un certo punto viene introdotto il maltese Michael. Cosa ne pensi nel riguardo?**

Mi piaceva che Malta fosse raccontata prevalentemente da chi non era nato sull'isola; infatti, a parte Michael, unico maltese del romanzo, è Alessandro a descrivere le bellezze del luogo e a farle conoscere ai suoi nuovi amici italiani. Spesso chi è nuovo di un posto riesce a coglierne maggiormente la bellezza rispetto a chi ci è nato e la dà più per scontata. Volevo che Malta fosse guardata attraverso gli occhi di qualcuno che l'ha da poco scoperta e che quindi è ancora portatore di gran entusiasmo.




**Malta come luogo di nuovi inizi e ritorni, di amicizia, di amore ed emozioni ritrovati, di nostalgia, di scoperta del proprio io, e anche di catarsi. Quanto è vero tutto questo nel tuo romanzo?**

È tutto assolutamente vero! Ogni personaggio, dopo che è arrivato a Malta, vive una sorta di presa di coscienza. L'essere lontano da casa e dalle abitudini probabilmente aiuta, così come conoscere persone nuove e attraverso il loro sguardo scoprire parti diverse di noi. L'avventura maltese aiuta ciascuno dei personaggi a guardarsi dentro e a darsi la possibilità di vedere qualcosa di diverso dal solito. Qualcosa di inaspettato, a volte anche pauroso, ma sempre rigorosamente autentico.

***Malta bastarda* è anche un invito fatto da una scrittrice che non è maltese a riscoprire Malta ai tempi della Dea Madre e riabbracciare ancora una volta le bellezze naturali dell'isola e sentire e ascoltare il suo cuore mistico. A chi è mirato soprattutto tale invito, e perché?**

L'invito è aperto a tutti coloro che hanno voglia di mettersi in gioco e di riscoprire un aspetto, diciamo più femminile di sé: l'aspetto più accogliente e creativo. Le energie di Malta sono molto potenti e per sfruttarle al meglio bisogna dimenticare i filtri e le resistenze; bisogna sapersi abbandonare senza timore per gioire a pieno di questo viaggio che è spesso un viaggio interiore.

**I momenti di incertezza e di vulnerabilità che vivono i personaggi - anche in legame a temi come l'amore, l'amicizia, la morte, la ricerca di se stessi - li rendono più reali e umani, e il romanzo più verosimile. Sei d'accordo?**

Sì, nel romanzo ci sono parecchi momenti di vita vissuta. Appositamente non ho riportato la solita dicitura: ogni riferimento a persone esistenti o fatti realmente accuditi è puramente casuale; perché molte delle cose raccontate nel romanzo sono accadute sul serio a me o a persone care e questo secondo me rende la storia più autentica. Non ci sono eroi ed eroine nel romanzo, ci sono persone che affrontano difficoltà fuori e dentro di sé, persone disposte a mettersi in gioco e a crescere ad ogni nuova esperienza. Questo secondo me fa sentire i personaggi più vicini al lettore, infatti mi è capitato spesso che qualcuno appena terminato il romanzo mi dicesse che certi passi l'avevano commosso, ciascuno può rivedersi nei personaggi di *Malta bastarda* e rivivere così esperienze importanti.

**Afro la greca come mamma o nonna del gruppo? È anche quella che sente di più la magia nascosta dell'isola di Malta, un'energia che aiuta a scoprire "il nucleo autentico della propria natura" (p. 143). Secondo te, da dove derivano tali energia e magia?**

Afro è sicuramente la mamma del gruppo, ma è anche la

metafora della mamma, quella figura accogliente e creativa a cui facevo riferimento prima, che sta accanto ai suoi "ragazzi" e cerca di indirizzarli verso la ricerca e la conoscenza di sé. Afro è entrata in contatto con l'energia mistica di Malta quando l'ha visitata la prima volta, è un'energia antica che scaturisce dalla natura, ma anche dalle culture antiche che l'hanno abitata e hanno lasciato importanti testimonianze del loro passaggio. Lei è un'ammiratrice di Maria Gimbutas, l'archeologa che per prima ha dato voce al culto della Dea Madre nei suoi aspetti di nascita, morte e rigenerazione e di quella civiltà che, secondo la sua teoria, ha abitato a Malta tra il 7000 e il 3500 a.C. Anche i personaggi del libro passano attraverso le fasi di morte e rigenerazione perché ognuno di loro abbandona una parte di sé per dare vita ad un nuovo aspetto.

**Afro può essere vista anche come "condottiera", un'Ulisse versione femminile che viaggia nel tempo e nello spazio e infonde sicurezza al suo equipaggio. Quanto è vero questo?**

Afro li accompagna in questa delicata fase, come una condottiera che ha già effettuato questo viaggio e che quindi garantisce loro che alla fine del percorso ci sarà una ricompensa.

Nel capitolo dove tutti sono in barca a vela Afro assume anche fisicamente il ruolo di condottiera, Michael la vede stagliarsi contro il tramonto e gli ricorda una polena.

**Questo è un romanzo positivo fino alla fine. Malta è presentata come punto d'incontro, luogo con un certo magnetismo, isola nella quale vincono soprattutto l'amicizia e l'Amore. Non ti sembra che sia troppo bello per essere vero? O l'opera scritta è anche riflesso del carattere di chi scrive?**

Io adoro il lieto fine, nei libri, nei film così come nella vita! E in particolare il periodo storico in cui ho scritto il romanzo (iniziato durante il primo lockdown da pandemia di Covid 19) è un momento in cui secondo me abbiamo bisogno di storie positive a cui poter fare riferimento. Il prezzo che tutti noi abbiamo pagato negli ultimi due anni, soprattutto in termini di salute mentale, è stato altissimo quindi ho cercato di scrivere un romanzo che portasse un po' di luce in un periodo tanto buio, un po' di speranza nel presente e nel futuro. A me è servito moltissimo durante la stesura del romanzo e spero vivamente che anche chi lo leggerà ne possa trarre giovamento.

**Progetti futuri?**

Tra i progetti futuri c'è sicuramente terminare il mio secondo romanzo, questa volta ambientato tra Torino e Parigi, e poi scrivere la sceneggiatura di *Malta bastarda*. Sono stata contattata da un registra che voleva sondare la possibilità di trasformare il mio libro in film e nulla mi renderebbe più felice di vedere la mia storia su di un grande schermo.

Il discorso è appena agli inizi, ma intanto io vorrei farmi trovare pronta con un adattamento del romanzo e ci sto lavorando.

E poi ovviamente ho in programma di tornare presto a Malta, d'altronde se si dovesse riuscire a realizzare il film dovrei fare sicuramente dei sopralluoghi, inizio a portarmi avanti con il lavoro!

## MATERIALISMO

No, non mi dire: "baciami", o sirena,
È troppo il gaudio che m'invade il cuore:
Vuoi tu ch'io muoia in quest'ora serena?
Or basta... È troppo, o cara, il nostro ardore.

Non vedi come m'hai disorientato?
E tu... Sei come un appassito fiore:
Veste, capelli tutto ecco è arruffato.

Non pianger no... ma non baciarmi ancora,
Non vedi che mi soffochi, o signora?

Io t'amo, e il sai, con calma... Non così!

## VIENI

Lungi da qui fra i campi verdeggianti
Innalzerò un bel tempio al nostro amore:
Un ruscelletto scorrerà davanti,
E il sol lo tingerà col suo splendore.

Un molle letto avrem di fresche rose
E latte e miele... Ed io, il tuo pastore,
Canzoni a te dirò misteriose.

Vieni, che potrà darti più l'attuale
Vita? Questa è la vita... Un vano e frale

Sogno d'ardente amore e voluttà.

**VINCENZO MARIA PELLEGRINI**
**(minn *Vele allo orizzonte. Canti*, Malta, Edizioni 'L'Isola', 1935)**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL MARLENE SALIBA DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI *NIMIRĦU MAŻ- ŻMIEN* (2014), TRADUZZJONIJIET FARAXA NU. 12



***Nimirħu maż-Żmien*** **hi ġabra ta' 70 poeżija bil-Malti li oriġinarjament ktibt bl-Ingliż. Għaliex l-ewwel għażla kienet il-lingwa Ingliża? Kif kienet l-esperjenza meta ġejt biex taqleb l-istess poeżiji tiegħek għall-Malti?**

Meta ħriġt l-ewwel ktieb tal-poeżiji tiegħi bit-titlu ta' *Time-Faring*, il-maġġoranza tal-poeżiji ktibthom l-ewwel bl-Ingliż. Iżda kien hemm fil-ktieb ukoll poeżiji li oriġinarjament ktibt bil-Malti u qlibthom għall-Ingliż. F'*Nimirħu maż-Żmien*, il-verżjoni Maltija ta' *Time-Faring*, ngħid liema poeżiji ktibt l-ewwel bil-Malti.

Ma naħsibx li l-lingwa Inliża kienet propja kwestjoni ta' għażla. Ħafna mill-poeżiji ġew bl-Inliż. Forsi għax jien studjajt u għallimt il-letteratura Ingliża u kont aktar esposta għall-kitba bl-Ingliż, u fl-iskola primarja u sekondarja fejn kont immur jien, is-sorijiet kienu jesiġu li nitkellmu bl-Ingliż anki waqt ir-rikreazzjoni. Għandu mnejn ukoll għax kelli temi dinjija, u f'moħħi ma kontx qed nindirizzahom lill-Maltin biss, u għalhekk il-poeżiji ġew bl-Ingliż. Jista' jkun anki għax xi membri tal-familja tiegħi stess, u wħud mill-ħbieb li ħeġġewni nikteb, jifhmu bl-Inliż u ma jifhmux bil-Malti, waqt li l-Maltin li jaqrawhom x'aktarx jifhmu bl-Ingliż.

Jien ħafna drabi meta nikteb poeżija ma nagħżilx konxjament il-lingwa qabel, iżda nilqa' l-lingwa li l-poeżija tiġi biha. Meta nikteb poeżija bl-Ingliż inkun imbagħad nixtieq naraha wkoll bil-Malti u viċiversa. Għalhekk ħadt pjacir naqleb il-poeżiji għall-Malti u ngħixhom mill-ġdid bil-lingwa tiegħi.

**Fil-versi tiegħek tispikka spiss ir-rabta li hemm bejn il-bniedem li hu parti mill-mikrokożmu u, il-makrokożmu. X'wasslek għal din l-għażla tematika?**

Jien inħoss ħafna r-rabta bejnna l-bnedmim, id-dinja u l-

kożmo. Din ir-rabta li tista' ssejħilha Franġiskana jew xamanika, tnebbaħni biex nimmedita fis-skiet u biex nikteb. Għalhekk l-għażla tematika tal-poeżiji ġejja mill-perspettiva tiegħi tal-ħajja u mix-xewqa li nikkomunika u li naqsam ma' ħaddieħor dak li naħseb u nħoss mhux biss dwar il-ħajja kif inhi, imma wkoll kif tista' tkun.

Nemmen li din ir-rabta anki metafiżika, u l-perspettiva ħolistika li ġġib magħha, jgħinu biex intejbu l-kwalità ta' ħajjitna u tan-natura madwarna. Naħseb li vista aktar espansiva u pożittiva li trittraxxendi kif ukoll twaħħad il-kulturi u l-pajjiżi differenti, tista' tgħinna biex nippromovu l-paċi, il-ġustizzja u l-għaqda, u biex infittxu u nsibu soluzzjonijiet għall-problemi kbar dinjija bħal dawk tal-ambjent u tal-konflitti bejn nies ta' ideat, reliġjonijiet, pajjiżi u razez differenti.

**F'rabta mat-temi li tikteb dwarhom fil-versi tiegħek, liema taħseb hi l-lingwa l-iktar adatta biex twassal ħsusek, l-Ingliż jew il-Malti? X'saħħa taħseb għandu l-ilsien Malti li l-Ingliż m'għandux f'dawn il-każi, jew viċiversa?**

Naħseb li kull lingwa għandha l-mod sabiħ u uniku tagħha biex twassal l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet, u jien inħossni komda nikteb biż-żewġ lingwi. Naturalment l-Ingliż hu lingwa dinjija u mitkellem minn ħafna miljuni ta' nies, u f'dan is-sens għandu s-saħħa li jindirizza u jasal direttament lil aktar nies ta' bosta pajjiżi u kulturi differenti. Waqt li l-Ilsien Malti għandu s-seħer tiegħu kif jgħaqqad elementi tas-Semitiku, tar-Rumanz u tal-Ingliż, u għalija




għandu ċerta saħħa emottiva speċjali li b'xi mod indeskrivibbli nħossha mħaddna mal-ambjent naturali, il-kultura, l-istorja u l-identità Maltija. Bil-mod uniku tiegħu, il-Malti jirrifletti r-rabta tagħna mal-Mediterran u ma' pajjiżi aktar lil hinn. Is-seħer tal-Malti mitkellem jafu jħossuħ anki l-barranin li ma jifhmux il-lingwa tagħna.

**Il-poeti bħala individwi li jħossu u jaraw dak li bosta ma jħossux u ma jarawx jew li m'għandhomx il-ħin jagħmlu dan. Xi tgħid dwar dan?**

Nemmen li kull persuna hi jew tista' tkun poeta jew poeta siekta. Semmejtli l-ħin. Tassew li t-tip ta' ħajja mgħaġġla tal-lum li tesiġi ħafna minna, mhux dejjem tippermetti dak il-ħin li nixtiequ biex niktbu l-poeżiji. Iżda jekk wieħed isibx ħin jew le jaf jiddependi wkoll minn x'importanza u prijorità jagħti l-kitba tal-poeżija.

Is-sistema edukattiva li nsegwu mhix waħda li tagħti wisq widen u importanza lil dak il-leħen ġewwieni, sensittiv u intuwittiv tagħna. Fil-fatt x'aktarx jirnexxilha trażżan u toħnoq dak il-leħen flok li tikkoltivah u tiżviluppah. Hi tip ta' edukazzjoni li aktar tiffoka biex twassal aġenda twila ta' informazzjoni. Għalkemm fl-iskejjel għandna l-lezzjonijiet tal-lingwa u tal-letteratura, ma naħsibx li hemm biżżejjed ħin għall-iżvilupp tal-kreattività tal-istudenti u biex l-istudenti jifhmu biżżejjed il-valur realistiku tal-kitba letterarja fis-soċjetà. U ftit li xejn nisimgħu dwar il-biblijoterapija jew il-letteratura bħala forma ta' terapija.

**Il-poeżija bħala terapija kemm għal min jiktibha kif ukoll għal min jaqraha. X'taħseb?**

Iva, il-poeżija taf tkun terapija effettiva kemm għal min qed jiktibha u kemm għal min qed jaqraha jew jismagħha. Kulħadd jista' jibbenefika mit-terapija letterarja, u mhux biss dawk li għandhom xi problemi mentali, emozzjonali u fiżiċi. Naħseb li l-letteratura, l-arti viżiva u l-mużika bħala terapija għandhom isibu iżjed post fl-iskejjel Maltin. Tajjeb li l-pubbliku jkun aktar konxju dwar il-valur terapewtiku tal-letteratura, tal-arti viżiva u tal-mużika, u li naraw aktar interess u attivitajiet kif ukoll korsijiet fl-università tagħna f'dawn l-oqsma.

**F'bosta mill-poeżiji tiegħek bħal tidħol fi djalogu ma' persuni oħra, daqqa ma' xi poeta – bħal Ġorġ Pisani, daqqa ma' xi konoxxent jew membru tal-familja. X'inhi l-idea wara dan kollu?**

Naturalment, il-leħen poetiku jista' jkun indirizzat lil persuna oħra partikolari li hi msemmija jew mhux imsemmija, jew ikun indirizzat lil xi siġra jew annimal jew kunċett, eċċ. Insibu ħafna poeżiji ta' ħafna poeti indirizzati lil persuni oħra bħal, ngħidu aħna, il-maħbubin tagħhom jew lil kittieba u nies oħra magħrufa kontemporanji jew li ġew qabilhom. Dan l-indirizz jaf jispikka fid-dedika tal-poeżija jew ikun integrat fil-poeżija anki forma ta' djalogu jew kwotazzjoni, referenza jew inferenza. F'poeżija waħda tista' ssib forom differenti ta' indirizz. L-idea tista' tkun li fil-poeżija toħloq sens ta' komunikazzjoni bejn il-poeta, dawk li qed jiġu indirizzati, u dawk li qed jaqraw il-poeżija. Dan jaf joħloq element aktar dinamiku, intertestwali u intens fil-poeżija, u jibni aktar saffi fit-tifsir tagħha.

**Temmen li t-traduzzjoni hija traditriċi? Għaliex test bl-Ingliż għandu jinqaleb għall-Malti meta l-Ingliż hu l-ilsien uffiċjali tagħna l-Maltin?**

Ma naħsibx li t-traduzzjoni hija per se traditriċi. Hemm traduzzjonijiet li huma tajbin. Hemm traduzzjonijiet mhux daqshekk tajbin jew mhux tajbin u li ma jwasslux sew dak li ntqal fil-lingwa originali. Jekk it-traduzzjoni tkunx tajba jew jekk issirx traditriċi jiddependi mit-traduttur, mil-lingwi, u mill-għarfien u r-relazzjoni li t-traduttur għandu maż-żewġ lingwi.

Naħseb li t-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti hu eżerċizzju validu u importanti anki meta l-Ingliż hu l-ilsien uffiċjali tagħna. Hawn ħafna Maltin li ma jħossux affinità mal-lingwa Ingliża, jew ma jifhmuhiex wisq jew jippreferu jaqraw jew jisimgħu kitba bil-lingwa tagħna. Lingwa uffiċjali ma tfissirx li hi l-istess bħal-lingwa mitkellma tal-pajjiż. Il-lingwa mitkellma mill-poplu hi magħġuna b'mod qawwi mal-ħajja, l-istorja, il-kultura u l-identità tal-pajjiż u għalhekk jidhirli li jkun aħjar jekk test bl-Ingliż jinqaleb għall-Malti. It-traduzzjoni tista' tkun ta' pont, anki emottiv, biex il-leħen, l-ambjent, it-temi u l-ideat tal-kittieb jaslu aktar qrib tal-qarrej.

**Maż-żmien qed jiżdiedu x-xogħlijiet letterarji, fosthom il-poeżija, miktubin mill-mara. X'ifisser dan? Taqbel li hemm dik li jgħidulha *écriture féminine* jew *women's writing*? Jekk iva, kif tvarja din minn kitba li ħarġet minn pinna maskili?**

Iva, maż-żmien qed jiżdiedu x-xogħlijiet letterarji, fosthom il-poeżija, miktubin mill-mara. Dan ġej mill-fatt li f'ħafna pajjiżi l-mara fl-aħħar ingħatat id-drittijiet tagħha u b'hekk qed tħossha aktar libera li tesprimi ruħha fis-soċjetà. Nafu li għal żmien twil ħafna, il-mara kienet imċaħħda minn ċerti drittijiet bażiċi bħad-dritt għall-edukazzjoni ugwali u d-dritt li jkollha sehem ugwali fid-deċiżjonijiet tal-familja privata u soċjali. Il-liġijiet miktuba u dawk mhux miktuba tas-soċjetà kienu jpoġġu l-mara u r-raġel fi rwoli aktar riġidi u sterjotipati. Jekk il-mara jkollha impieg, ħafna drabi kienet mistennija jew imġiegħla tirriżenja meta tiżżewweġ, tiffoka fuq il-familja privata tagħha, u tħalli t-tmexxija tal-familja nazzjoniali u internazzjonali, il-kwalità tal-ħajja pubblika, kif ukoll id-definizzjoni tar-realtà f'idejn l-irġiel. Id-dominanza maskili ħalliet ukoll effett fuq l-espressjoni tal-lingwa.

Insibu nisa li fil-kitba tagħhom jippruvaw konxjament u/jew inkonxjament joħorġu mill-konfini fiżiċi u mentali imposti fuqhom u fuq ħajjithom, u b'modi differenti jirridefinixxu lilhom infushom, is-soċjetà u posthom fis-soċjetà. Dan xi drabi jagħmluh ukoll billi joħorġu mir-riġidità u l-konfini ta' ċerti regoli u modi ta'espressjoni tal-lingwa.

Biex inkompli nwieġeb il-mistoqsija tiegħek, se nirreferi għall-istudju akkademiku tal-*women's writing* li jidentifika u janalizza l-fażijiet differenti tal-kitbiet tan-nisa, u jitfa' ċertu dawl fuq il-kontenut u l-espressjoni tal-kitba tan-nisa tul iż-żmien. Jikkonsidra wkoll kif xi esperjenzi, perspettivi, temi, stili, attitudnijiet u aspirazzjonijiet fil-kitbiet letterarji tan-nisa nbidlu maż-żminijiet skont it-tibdili fis-soċjetà, u kif il-kitbiet letterarji għenu biex tinbidel is-soċjetà.

Is-suġġett tal-*women's writing* kien u għadu suġġett li jqajjem ħafna kontroversja. Jinkludi dibattiti dwar x'inhuma d-differenzi fil-kitba tan-nisa u l-irġiel li huma b'xi mod jew ieħor ir-riżultat tal-kondizzjonament soċjali, u tal-istrutturi soċjali u politiċi ta' żmienhom, u anki xi diskussjonijiet dwar jekk hemmx xi differenzi intrinsiċi fil-kitba tal-mara u r-raġel. Insibu analiżi tal-kitba letterarja tal-irġiel, u kitbiet ta' kritika ħarxa minn kritiċi letterarji femministi dwar xi awturi famużi rġiel li fil-kitba tagħhom konxjament jew inkonxjament ikkonsidraw jew ittrattaw il-mara bħala ħlejqa inferjuri għar-raġel. Insibu wkoll kitba ta' kritika u mistoqsijiet radikali mill-perspettiva tal-mara dwar il-kontenut u l-prattika tal-kanoniku letterarju.

Naħseb li l-istudju akkademiku tal-*women's writing* għandu l-valur tiegħu bħala fergħa tal-istudji letterarji, u valur ukoll għal suġġetti oħra bħall-istorja u l-istudji soċjali.

**Proġetti għall-ġejjieni Marlene?**

Qed nittama li forsi din is-sena niġbor fi ktieb il-poeżiji li ktibt bil-Malti dawn l-aħħar snin. Nixtieq ukoll xi darba nippubblika l-poeżiji li kont ktibt bil-Malti u bl-Ingliż aktar minn tletin u erbgħin sena ilu li għadhom mhux ippubblikati.



# Reċenzjonijiet




Rakkonti

Kitbiet oħra




# IS-SIWI TAN-NOVELLA MALTIJA

**Charles Briffa jikteb dwar *L-Eku tal-Ħabbata*, novelli ta' Joe Camilleri (Horizons, Malta, 2022)**

**Introduzzjoni**

Ma' Joe Camilleri spiss ikollna nidħlu fis-simboliżmu. It-titlu tal-ġabra ta' novelli, *L-Eku tal-Ħabbata*, jaħkimli ruħi fil-qari u nibda ninterpreta ħafna mill-ġrajjiet tan-novelli fil-kuntest tematiku tal-eku u tal-ħabbata u s-simboliżmi tagħhom.

**Il-ħabbata**

Għalhekk meta nitnikker fuq isem il-ġabra nifhem u nagħraf li l-ekujiet jinsabu kullimkien: fin-natura, fl-ilħna tan-nies, u anki fil-ħsibijiet. Jintlaqgħu, u xi sens minnhom isir. Mhumiex ħiemda u għandhom ir-repetizzjoni, u f'Camilleri donnhom jillidjaw il-ħsieb għal xi transformazzjoni jew tisħiħ ta' xi xeħta jew ħsieb. Min-naħa tagħha, il-ħabbata tifred spazju minn ieħor. Hija fruntiera bejn żewġ postijiet. Imma hija l-ħabbata li tħallini nidħol. Hija għodda li biha nbiddel il-post. U minħabba li bosta huma dawk li jmissuha, donnu fuqha hemm ħafna enerġija titnikker. U fil-ktieb ta' Camilleri nħoss il-ħabbata bħala xejra umana li tippermetti lill-bniedem jinfetaħ għal tiġrib ġdid jew almenu tagħtih iċ-ċans li jiftaħ moħħu.

Ħabbata hija parti minn bieb ta' bini, u tintuża sabiex wieħed jidħol ġewwa. Jgħaddi minn erja għal oħra, minn stat għal ieħor. Il-ħabbata letterarja ta' Camilleri tagħtina ċ-ċans li nifthu ruħna għal tiġrib ġdid billi nifthu moħħna b'għarfien ieħor, u nintebħu li fl-umanità hemm possibilitajiet u opportunitajiet għall-bidla differenti minn dawk li aħna midħla tagħhom. Meta niltaqgħu ma' xi ħaġa ġdida, x'aktarx li jkun hemm xi bidla fil-ħsieb jew fl-imġiba tagħna.

Jien u nifli l-kunċett ta' ħabbata qabel bdejt il-qari ta' din il-ġabra ntbaħt li, bħalma ħabbata tista' tiftaħli bieb, jien kelli nħalli moħħi dispost li jkun miftuħ għal dak li l-awtur kien se jagħtini. Il-qarja-ħabbata żgur li għandha tiftaħli d-daħla għall-ideat ta' Camilleri.

**L-eku**

Kultant l-eku jsir binja metaforika li toqgħod għal qawwa li tifrex il-perċezzjoni, l-apperċezzjoni, u l-intellettwalizzazzjoni f'għemil il-bniedem b'mod li dan ikun jista' jittransforma qagħda li teżisti imma ma tkunx togħġbu jew ma tkunx taqdih. Ngħidu aħna, f'"Consumatum Est" għandna l-eku tax-xewqat u l-eku tas-saħta ta' għemil il-karattri. Ix-xiħa f'żgħożitha ħadet grazzja ma' żagħżugħ b'tali mod li "saret qisha dellu" u l-importanti kien "li tkun qribu" biex ir-riħa tiegħu "tixegħlilha moħħha" u toqgħod titpaxxa bih (p.128). Kienet infatwata minnu; imma maż-żmien beda jġib ruħu stramb u fi xjuħitu bdiet tarah b'fissazzjoni "jintona s-salmi" (p.132) sakemm fi xjuħitha bdiet tixtieq tiżbranah u toqtlu. F'"Ġirien", imbagħad, għandna l-eku tal-valuri meta naraw mara li tibda b'attitudni tradizzjonali fuq ir-relazzjoni ta' raġel u mara b'ħafna preġudizzji kontra Rolf; imma wara ftit tibda tiffansjah u l-infatwazzjoni tagħha ssir "manija passjonali" (p.178) u wara li tara l-verità fuqu, din il-verità ddamdamha f'dipressjoni. U f'"Is-Siegħa tad-Dragun" inħossu l-eku tad-"dragun tad-dnub" (p.187): l-eku tal-monstru ta' tfulitu, in-narratur iħossu meta kiber u beda jmur għall-kura medika.

L-eku jimmanifesta ruħu billi jillidja lill-karattru biex ifittex jew jevita xi qagħda partikulari; jew biex meta jħabbat wiċċu ma' xi qagħda li ma tkunx mixtieqa, jara kif se jġib ruħu. L-eku donnu ħtieġa li karatteristikament tkun akkumpanjata minn xi sentiment partikulari. F'"Karba li Baqgħet Tidwi" nsibu l-eku tal-kuxjenza. Ix-xwejjaħ jirrepeti f'moħħu l-

ġrajjiet ta' abbuż sesswali li zijuh kien jagħmel fuqu meta hu kien għadu tifel. Meta zijuh tah attakk u qal lit-tifel imur għall-għajnuna, it-tifel mar jiġri fil-beraħ, ħieles. U fil-bqija ta' ħajtu sa xjuħitu dan it-tifel baqa' jisma' l-eku tal-kuxjenza jokrob. F'"Għandi Balla f'Żaqqi" għandna tifel żgħir li jġarrab in-niket ta' ommu li se tmut. Għandna l-eku tax-xbieha tal-balla fiż-żaqq (bħala lump) li t-tifel jinterpretaha bħala bullet. Dawn l-esperjenzi donnhom jeħduna f'ħarġa-ċirku biex id-dawra ċirkulari ssir l-eku, bħal f'"Dawra Ċirkulari" li turina lil Lina studenta ċassa bla reazzjoni u meta żżewġu (hi u n-narratur) hekk reġgħet ġiet. U l-qarja ta' dan il-ktieb twassalna fl-aħħar nett f'"Ħabbata Msadda" biex insibu "l-eku tal-ħabbata tal-kuxjenza" (p.233).

Imma ħa niftaħ ftit aktar fuq novella minn din il-ġabra. U se nieħu "L-Appuntament". Hawnhekk l-eku huwa sottili, u Camilleri jixħet l-enerġija letterarja tiegħu sabiex id-diwi jkun xieraq. In-narratur jiltaqa' bla ma ried ma' sieħbu "ta' żmien ilu" (p.102) li għalih fejn jidħlu l-flus ma kienx hemm ċajt. Dan sieħbu (minn żmien il-Liċeo) kien ifotti biex jgħaddi mill-eżamijiet u sab job mal-gvern għax missieru "kellu l-ħbieb" (p.101), imma kien jiġi jaqa' u jqum mix-xogħol ("Ix-xogħol għall-bgħula", p.102). U qatt ma ried jintrabat fi żwieġ imma t-tfajliet sbieħ kien iħobbhom, u ried jgħix kif ried hu biex jagħmel li jrid bil-ħajja mhux iħalli l-ħajja tagħmel li trid bih. "Imma n-nejk jieqaf ma' dawn" (p.103, jiġifieri, mal-flus) u meta ftakar fil-"medda art kbira" li l-familja tan-narratur kellhom wara l-knisja u li tagħti għall-wied, beda jħajjar lin-narratur biex hu (dan sieħbu ta' żmien ilu) jissieħeb magħhom u jiżviluppawha avolja kienet f'żona protetta. In-narratur ma kienx jinqala' għan-"negozju bis-sewwa", u fuq kollox ma riedx jidħol għal negozju "bl-imgħawweġ" (p.104).

Hawnhekk it-terminu "eku" nqisuh bħala fenomenu li jidħol jidwi f'moħħna l-qarrejja. Minbarra l-istorbju li jagħmel sieħbu ta' żmien ilu bil-ħafna paroli tiegħu, fi kliemu hemm ir-repetizzjoni ta' għamla ta' ħajra negattiva mħaddna mill-korruzzjoni. Huwa eku profond li jirrifletti ruħ sieħbu – l-essenza tiegħu. U nitħassbu: it-titlu ("L-Appuntament") għalxiex qed jirreferi? Għal din il-laqgħa mhix mistennija li lin-narratur tistiednu għall-imgħawweġ, jew għal "sessjoni oħra ta' kimoterapija" (p.108)? Fejn hu l-kanser: fil-ħajra negattiva jew fin-narratur? In-narratur iħoss l-eku ta' kliem sieħbu jaqbeż fuqu bħal xi ħares biex mat-tiġrib li għadda minnu jqum "xitan ieħor" li dellillu ħajtu (p.104) Il-ġustapożizzjoni tal-ħsieb tal-korruzzjoni mal-kanser tweġġgħu lin-narratur, donnha ddamdmu.



Joe Camilleri

**Sehem in-novella llum**

In-novella tfaċċat fil-letteratura Ewropea mill-ħsieb ta' tixrid ta' xi ħaġa friska. Il-kelma "novella" ġejja mil-Latin *novellus* (fil-femminil novella) li hija d-diminuttiv ta' *novus* (ġdid). Il-kelma għaddiet għall-Franċiż qadim (*novelle*), għat-Taljan (*novella*), għall-Ingliż (*novel*), u għal xi lingwi oħrajn; u kien hemm żmien meta kienet tfisser biċċa aħbar ġdida. Maż-żmien, ġrajja qasira narrattiva, anki mistħajla, kienet titqies donnha biċċa aħbar friska. In-novelli ta' Camilleri għandhom bixra ta' rapporti ta' ġrajjiet kurrenti; donnhom parti mill-ġurnaliżmu bħala dokumentarji ta' xejriet kontemporanji. Dan l-awtur jiffrejmja n-narrattiva mistħajla tiegħu ma' xejriet fattwali biex jeżerċita qawwa ġdida fuq il-qarrejja tiegħu li jridu jaslu jifhmu r-realtajiet imressqa. Il-letteratura ta' Camilleri (bħal ta' ħafna oħrajn) tinkorpora veritajiet ġenerali fuq in-natura umana.

Kważi kull ġrajja u karattru fin-novelli tiegħu nistgħu nittrejsjawhom lura lejn xi tiġrib uman. Hekk f'"Rosita", xiħa f'home tifrex flashbacks li juru li kienet sabiħa imma kien hemm min qaħħabha meta kienet għadha taħt l-età. Fi "Platt Spagetti b'Raxxa Mħabba" electrician żagħżugħ għal jum wieħed iġarrab l-imħabba ta' omm. "L-Appuntament" turina lin-narratur bil-kanser jaqta' qalbu mill-ħajja minkejja sieħbu tal-imgħoddi moħħ ir-riħ.

Camilleri jqajjem ħsibijiet etiċi u jinkorporahom mad-dokumentarji u l-istħajjil tiegħu biex aħna l-qarrejja niltaqgħu (bħal f'mera) ma' xejriet ta' mġiba umana. Dan il-fattur letterarju narawh f'novelli bħal "Brindisi Inutli" fejn mara ta' mitt sena tħoss li għexet bosta snin minnhom għalxejn wara li żewġha u wliedha mietu f'inċident l-Awstralja; "Stqarrija" fejn l-iben gay isib li missieru kien ilu ħafna jaqlibhielha lil martu, u jarah ipokrita, weżwiż li lilu kien jikkundannah għax omosesswali; "Għax Jien?" li tagħtina mara li tixxennaq għal dak li ma jistax ikollha (tixxennaq għat-tfal) u li f'ġufha kulma kellha kienet "nefħa inutli" (p.83) u "xejn li minnu ma jiġi xejn. Vojt li jissarraf f'vojt" (p. 80).

Il-kunċett novellier tal-karattru għandu hawnhekk il-funzjoni ideoloġika li tressaqna lejn l-aljenazzjoni tal-eżistenza moderna biex forsi nifhmuha din l-aljenazzjoni u forsi wkoll ma tibqax telfa għax indaħħluha fil-ħsieb tagħna. "Kiss lil Jesus", pereżempju, tagħtina lil Kolossu ("oġġett ta' żuffjett", p.29) li jidħol f'ġustapożizzjoni ma' Ġesù f'għajnejn tifel żgħir. "Ħlas id-Dejn" turina xiħ li jirrispetta lill-klieb għax fl-imgħoddi kien kelb li salvalu l-familja u ħalla ħajtu taħt il-konkrit. Fi "Stensils fuq Xbihetek" in-narratur jipprova jeqred jew jibdel xaqliba tal-personalità tiegħu bil-ħżuż ta' simboli, imma għalxejn. U f'"Il-Mamà ċ-Ċkejkna" tifla ta' ħames snin taħseb li oħtha baby se toħdilha postha fil-familja. Novella ta' Camilleri taf

tregħedna, bħalma ġara fil-każ tal-farfett il-lejl li jikxef il-biża' tan-narratur ("Farfett il-Lejl"), il-missier li falla fit-trobbija ta' ibnu ("Ġuda Għandu Kemm-il Wiċċ"), u l-karattru li daħallu suspett li kien qed ibati mill-isplit personality ("Fula Maqsuma").

Ma' dawn l-aspetti tematiċi rridu nżidu x-xejriet kulturali li Camilleri jħobb idaħħal (eż. Pavlov, Freud, Gauguin, Mascagni, Mirò, Bosch, Dali, Xandru Mallia, Esther Williams, Courbet, Ganado) għat-tlaħħim kuntestwali. U barra minn hekk, l-istil tiegħu jaħdem fuqna b'mod fin bħal, ngħidu aħna, l-użu repetut tal-espressjoni "qaħbeċ" (li fl-imgħoddi kienet titqies baxxa) – din ir-repetizzjoni (bl-eku tagħha) tidħol fi gwerra kontra l-espressjonijiet artifiċjali tradizzjonali.

U jien nistaqsi fuq Joe Camilleri: in-novellist jikteb in-novella jew in-novella "tikteb" lin-novellist? Novella bħal "Rosita" ttieħdet mir-realtà: hija true to life, mhux sempliċiment qed toħloq effett ta' realtà – għax ir-realtà tista' tkun effett?

**Konklużjoni**

X'jimpurtana min-novella? Jimpurtana għax f'ċertu sens sinifikanti n-novella hija rappreżentazzjoni tad-dinja reali. U jekk il-qarrejja ma jagħrfux il-veritajiet tan-novelli dwar l-imġiba umana, allura n-novelli jkunu fallimenti. Ħafna min-novelli ta' Camilleri jiffokaw fuqu nnifsu bħala kreattiv uniku – jiffokaw fuqu għax huma frott ta' ħsibijiet li hu jkun ġarrab. U fil-quddiem tal-ktieb jgħidilna: "Il-karattri msemmija f'dan il-ktieb huma kollha fittizji." (p.2) Imma huma bbażati fuq nies veri għax fil-kelmtejn ta' qabel jgħidilna li huma "nies li bħalna daqu l-balzmu, u oħrajn li ħassew il-weġgħa" (p.11). U aħna nifhmu li nies bħalna jistgħu jġibu ruħhom bħal dawn il-karattri mistħajla.

**VERSI RIFLESSJONI**

Jitkessaħ illum
leqqien kwinta il-qamar;
Gerrex lill-kwiekeb.

F'milja ta' glorja
titfi jum ieħor ix-xemx;
Jifrex dellu l-lejl.

Bajda u mfewħa
il-ġiżimina mfawra;
Titgeddes mal-ħajt.

Illum feġġ farfett,
għasfur ittajjar ħdejja;
Mhix mejta t-tama.

Il-merħla rebħet
f'sakra tiżfen f'tarf l-irdum;
Il-vojt jistenna.

L-umli jinkines,
fuq pedestall il-kburi;
Tiġdid l-istorja.

Is-sema mistħi,
aħmar nar fi tmiem il-jum,
mgħobbi b'għajb ġensna.

Jidwu l-murtali,
lil hinn xita ta' bombi;
Ingawdu l-festi?

Għadda qisu riħ,
l-aqwa li kulħadd semgħu;
Rikkieb il-bluha.

Interraq fil-ħolm
fuq art nadifa, tfewwaħ;
Nistenbaħ f'limbu.

**JANE MICALLEF**





Giulio Carcano

## WARA L-VJATKU

**Silta maqluba f'ilsienna minn Mario Attard mir-rumanz**

***Damiano - Storia d'una povera famiglia* maħruġ fl-1850**

**ta' Giulio Carcano (1812–1884)**

Ix-xemx kienet inħbiet wara l-għoljiet imbegħdin madwar il-muntanja Rosa. F'dik is-siegħa ħarġet purċissjoni magħmula min dawk in-nies li kien baqa' fil-knisja ta' San Celso wara li kienet ingħatat il-barka. Din il-kotra mxiet bil-qima u b'passi ħfief wara s-sagrament miżmum b'għożża mill-qassis. Is-sagrament kellu jitwassal bl-għożża li kien jixraqlu fid-dar ta' wieħed minn ħuthom moribond. Għaddew minn fuq il-bankina biex jevitaw il-karozzi li filwaqt li joħorġu jduru s-solita dawra ta' wara l-ikel, jgħaddu b'ħeffa minn dak is-subborg mhux tant iffrekwentat.

Għaċ-ċempil li beda jċempel is-sagristan bil-qanpiena li kellu f'idu, xi xjuħ onesti u devoti ngħaqdu mal-fidili li kienu mexjin wara s-sagrament taħt il-baldakkin, kif ukoll għadd ta' nisa li minn ħin għal ieħor tul it-triq kollha, donnhom ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu, bdew jingħaqdu huma wkoll imbagħad joħorġu mill-kotra u wara jerġgħu lura. Tul il-purċissjoni huwa u għaddej is-sagrament, kien hemm min kien għarkupptejh, min fuq l-għatba ta' daru, min f'ħoġor it-tieqa... ilkoll b'rashom baxxuta b'qima... sad-dwal fuq kull naħa tat-triq kien hemm mixgħula. Ma naqsetx il-kurżità fost il-kotra li minn waqt għal ieħor bdew jistaqsu lil xulxin għal għand min kien sejjer dak il-vjatku f'dak il-ħin.

Fi Triq Quadronni, li fiha terrqet dik il-purċissjoni żgħira, kien hemm diversi djar mitluqin miġburin f'oqsma 'l hawn u 'l hinn. Kien hemm ukoll fossa bl-ilma aħdar li bil-mod il-mod beda jissieħeb mad-dawl malinkoniku li kienu qegħdin jarmu x-xemgħat u l-lanterni madwar il-qassis. Dawn ix-xemgħat bdew idellu dellijiet maħruba mal-ħitan tat-triq inkella dwal leqqiena fuq il-ħdura mitfija tal-ħaxix. Intant il-qassis kien jinstema' jgħid il-litanija tal-qaddisin filwaqt li d-devoti li kienu mexjin b'mod diżordnat wara s-sagrament, bdew iwieġbu b'leħen malinkoniku: Itlob għalih.

Fl-ibliet il-kbar, il-ħajja hija ddominati mid-dħul ta' bosta drawwiet ġodda, fejn issalltan l-indifferenza, it-tedjanza, fejn id-delikatezza tal-qalb hija difettuża, inklużi fejn jidħlu l-ħwejjeġ tal-Knisja, fejn l-egoiżmu jirbaħ ir-ruħ tal-bniedem, fejn ma jaslux biex jagħrfu kemm verità u kemm sbuħija jinsabu fil-qdusija tat-twemmin li jbierek mill-benniena sal-qabar u li jqaddes bla differenza lill-ħajja u lill-mewt. Fl-istess waqt, ma jistgħux iħossu ġewwa fihom dik l-profondità li jġib miegħu l-misteru li jkun hemm moħbi wara tant affarijiet umli u sublimi li tista' tgħid jgħaddu ta' kuljum minn quddiem għajnejna. Bħalissa dina l-aħħar żjara tal-Mulej fuq is-sodda tal-moribind. F'dan l-aspett, il-passat ma jsir xejn jekk mhux memorja, il-preżent karba ħierġa mill-fomm tal-bniedem doloruż u beżgħan li qiegħed jara tmiemu qiegħed jilħqu. F'dan il-waqt li fih qiegħed ikun abbandunat mill-bnedmin l-oħra, is-Sinjur sejjer iżuru biex f'dan l-aħħar jum tal-vjaġġ tiegħu jagħtih il-ħobż li jroddlu l-vera ħelsien. U l-qassis ministru tiegħu, iqiegħed l-ostja qaddisa fuq ilsien il-moribond li tirrikonċiljah ma' Alla. Hekk, ir-reliġjon hija dik li lill-bniedem troddlu l-ewwel kelma tal-ħajja kif ukoll l-aħħar waħda.

Issa l-purċissjoni waslet fejn qasam ta' djar f'nofs il-kwartier u għaddiet minn quddiem oratorju qadim u umli bi pjazzetta ftit 'il bogħod minnu, imbagħad id-devoti waqfu quddiem dar tassew fqira, mhix għolja daqs l-oħrajn. F'tieqa minnhom bi ħġieġ żgħar, kien jidher id-dawl.

Il-kotra li mxiet wara s-sagrament niżlet għarkupptejha quddiem dik id-dar filwaqt li l-qassis daħal ġewwa qabel is-sagristan u l-kjeriku segwiti minn erba' sa ħamest ixjuħ li kienu qegħdin iżommu x-xemgħat mixgħulin. Telgħu fil-kamra tal-moribond permezz ta' taraġ dejjaq tal-injam.

Il-bieb li kien jagħti għall-gallarija kien miftuħ u fid-daħla

tal-kamra laqgħu lill-qassis żewġ ġuvintur. Wieħed minnhom, iż-żgħir, kien qiegħed jolfoq ħafna mentri l-ieħor kien pallidu u fommu mitbuq.

Wara li għadda mill-ewwel kamra, il-qassis daħal fil-kamra fejn kien jinsab il-moribond. Kien raġel xiħ, qargħi, b'leħja twila u bil-mustaċċi bojod, għajnejh kienu fil-ħofra u l-mewt kienet diġà tidher fuq wiċċu. Għad-dehra tas-Sagrament il-moribond għolla rasu, għajnejh u jdejh it-tnejn lejn is-sema, filwaqt li ħass tiġri fih l-enerġija taż-żgħożija għall-preżenza tal-qassis. Il-moribond inġabar f'talba maġenb ix-xemgħa mbierka f'dehra li tispira r-rassenjazzjoni. Warajh kien hemm l-omm u l-bint bi tnejn jew tlieta mill-ġirien li kienu marru biex jieqfu magħhom f'dak il-jum li ġieb miegħu xorti ħażina.

Fuq in-naħa l-oħra tas-sodda, għarkupptejhom, kien hemm iż-żewġ subien li ftit qabel kienu laqgħu l-vjatku. Iż-żgħir ma kienx għadu jibki imma b'għajnejh osserva kull ċaqliqa li beda jwettaq il-qassis. Min-naħa l-oħra, il-kbir ma qalax għajnejh minn fuq missieru.

Malli daħal ġewwa d-dar il-qassis tenna l-kliem li tgħid il-Knisja: Paċi fuq din id-dar! U s-sagristan u l-fidili preżenti wieġbu: U fuq kull min jgħix f'din id-dar. Imbagħad il-kjeriku filwaqt li firex l-oġġetti fuq waħda mit-tavolini, xegħel żewġ xemgħat mentri l-qassis qiegħed il-pissidi u bl-aspergis berikhom huwa u jgħid:

Roxxni bil-weraq taż-żuf [1] u nsir dinja; aħsilni u nibjad aktar mill-borra.

Ix-xiħ fetaħ għajnejh, qisu qed joħlom, u b'idejh jirtogħdu għafas il-kurċifiss. Il-qassis bierek mill-ġdid lill-marid, imbagħad neħħa l-pissidi u għolla l-Ostja divina quddiem l-istess moribond.

Ix-xiħ tħarrek, ħares lejn uliedu bla ma qabeż lil ħadd minnhom... imma kif il-qassis qal il-kliem tal-misteru marbut mal-ġisem divin, ix-xiħ wieġeb b'leħen sod: Hekk ikun.

Il-qassis talab mill-ġdid u qal lil dawk preżenti: Immorru fil-paċi, f'isem is-Sinjur. Wara qabad il-kalċi qaddis tal-fidda, bierek lill-moribond u reġa' lura proċessjonalment lejn il-knisja assistit minn ftit fidili.

[1.] jew issopu: pjanta li tikber fl-inħawi muntanjużi tat-tramuntana tal-Italja li minnha jieħdu ħwawar għax-xorb u li l-frieghi tagħha kienu jintużaw għat-tberik fir-riti tal-Lhud.

## MIREVA

Feet stomped by,
confused by my own displacement
I was a stranger
and this, a strange place.
I knew no faces,
the heavily pregnant hall
awash with murmurs

I felt I was the silence.

Hillard and Botting
Marlowe
Hughes
and Hawthorne

alone
I scuffled downhill
looking for dead words.

You promised fresh-baked books
and smells of comfort.
nestled in your corner
I was no longer silenced;
this plenitude of friends
lent me their voice.

I do sometimes stroll past you now,
an old, neglected deity
your funeral never held
no mourning call received
on lilied emails.

they tell us:

- in with the new
as times have changed,
so have gods.

A stranger in a strange land,
your shelter brewed my voice.

**LOUISE VELLA**



## BOGĦOD

**Kitba ta' Emmanuel Attard Cassar**

Raġel jidħol ġo taxi.

"Għal fejn sinjur?"

"Fejn trid, basta 'l bogħod minn hawn."

"Fejn irrid? Jien mhux hekk naħdem ta. Ħabib, trid tgħidli fejn se nieħdok."

Skiet.

"Trid nieħdok il-Belt, fuq xi ramla, f'xi raħal bi ftit nies, fid-deżert?"

"Mela ħudni ħdejn il-baħar. Kemm hemm bogħod?"

"Xi għaxar kilometri."

"Tajjeb."

Skiet. Il-karrozza timxi. Fiha jirrenja s-skiet u barra hemm l-għagħa tan-nies tiddeverti. Il-karrozza timxi aktar. Issa hemm skiet barra u skiet ġewwa.

Ikompli s-skiet. Ix-xufier iħares fil-mera ta' fuq rasu. Jilmaħ lir-raġel b'rasu baxxuta. "Dalwaqt naslu ta." Skiet.

Imbagħad jaslu. "Tajjeb hawn ħabib?"

Il-passiġġier jgħolli kemm kemm rasu. "Tajjeb."

Ir-raġel joħroġ bil-mod. Il-kosta hija vojta. Nies xejn, u hemm żiffa ħelwa.

"Nistenniek Sinjur biex nieħdok lura?"

"X'ħin hu?"

"Is-sebgħa daqqu."

"Int, nassumi li miżżewweġ."

"Iva."

"Kemm għandek tfal?"

"Tnejn."

"Kemm għandhom żmien?"

"Tmienja u ħdax."

"Sa x'ħin taħdem is-soltu?"

"Sas-sebgħa w nofs, jew it-tmienja u kultant naqbiżhom ukoll."

Ftit skiet.

"Ara, ħudni lura minn fejn ġibtni."

Il-karrozza timxi fis-skiet. Ġo fiha ma tingħad l-ebda kelma. Barra jistema' s-skiet għall-ewwel imbagħad tinstema' l-ħamba tal-folla.

"Wasalna."

"X'għandi ntik?"

"Tnax-il ewro"

"Ħa, grazzi u żomm il-bqija."

"Grazzi ħafna Sinjur, il-paċi miegħek."

Joħroġ il-passiġġier, u tilqgħu il-ħamba.



# BORIS PASTERNAK

**Kitba ta' Victor V. Vella**

Is-sagrifficcji, il-kritika u d-diżappunti ta Hopkins kienu pjuttost 'persunali'. Kienu kritika tiegħu nnifsu meta ħaraq l-ewwel sett ta' poeżiji, minħabba l-bidla fil-filosofija u fit-twemmin tiegħu. Fil-każ tal-kittieb li se nitkellem fuqu f'dan l-esej, l-oppożizzjoni, il-kritika ġiet totalment barra minnu nnifsu li naturalment ħassha ġo fih ukoll. Ġiet mill-politika ta' pajjiżu ta' dak iż-żmien u wkoll mill-għira ta' sħabu stess imqanqlin mill-għira persunali jew mill-għira li nibtet minħabba l-politika. Meta l-awtur Russu Nabokov li kien jgħix l-Amerika ħass li l-post tieghu fil-għoli tas-sellum kritiku fl-Amerika bil-ktieb tiegħu *Lolita* kien se jibda jixxellef minħabba l-pubblikazzjoni ta' rumanz ġdid Dr Zhivago, Nabokov kiteb hekk fl-1958: 'Dak il-ktieb jikkonsisti fi storja taċ-ċajt, mimlija melodrama, storja falza u li ma tagħmilx sens... li xejn ma jżommni li nwaddbu f'barmil taż-żibel'. Nabokov kien qiegħed jirreferi għall-ktieb ġdid li kien sema' bih, ir-rumanz ta' Boris Pasternak.

Ma nafux Pasternak x'ħass b'dik il-kritika, imma żgur li ħass il-kritka diretta lejh, li kienet ġejja min-naħa tal-politika, tal-Gvern dittatorjali Russu ta' dak iż-żmien. Minħabba l-kontrol min-naħa tal-Gvern, Pasternak ma kienx hemm ċans li kien se jsib xi ħadd fir-Russja li kien se jissogra li jippubblikalu r-rumanz li kien għadu kemm kiteb. Fir-Russja stess kien hemm min sejjahlu 'a Siberian soap opera', bħal dawk is-serje li naraw fuq it-tv u li iva huma popolari imma l-popolarità tagħhom tixhed kemm huma superfiċjali.

Min-naħa l-oħra dan ir-rumanz minħabba l-qawwa tal-istil u tal-istorja stess tbiddel f'simbolu ta' reżistenza kontra t-tirannijja dittatorjali. Bil-mewt ta' Stalin u bl-għazla ta' Kruschev bħala l-mexxej tal-Imperu Komunista kien hemm ftit ottimiżmu li kien se jkun hemm ċans li setgħet tfiġġ ftit tal-libertà u li Pasternak kellu ċans jippubblika r-rumanz tiegħu f'pajjiżu. Kien hemm ħsieb li jippubblikaw biss 3000 kopja biex ma jkunx hemm ċans li jixtered ħafna u jigi f'idejn in-nies komuni u jqajjem xi rewwixta jekk mhux rivoluzzjoni kontra l-gvern. Imma dan il-pjan baqa' ma ħax ruħ. Sakemm ġie f'idejn Feltrinelli, editur Taljan, li ħarġu bit-Taljan fl-1957. Feltrinelli irnexxielu jdabbar kopja tal-manuskritt bir-Russu li rnexxielu jiksbu bil-moħbi mingħand l-awtur stess. Sena wara deher għall-bejgħ fl-International Book Fair ta' Brussels fil-Belġju. Kien hemm ukoll xi 500 kopja tal-rumanz bil-lingwa oriġinali li kienet ippubblikat kumpanija tal-kotba Olandiża bl-għajnuna tas-C.I.A. Kien għall-bejgħ moħbi f'boroż tal-karti kafellatte fil-pavillion tal-Vatikan! Inzerta li għal din il-Fiera kien hemm mas-16,000 Russu.

Min-naħa tal-Gvern Russu l-ġlieda baqgħet sejra u Kruschev kiteb diskors kontra Pasternak fejn uża dan il-kliem: "Pasternak kien iżjed baxx mill-ħnieżer għax majjal qatt ma 'jinqeda' fejn jorqod bħalma ghamel Pasternak."

L-awturi sħabu Russi daru wkoll kontra tiegħu, tant li qalu li, 'Iva, intom tal-Punent tarawh bħala vittma... Aħna nafuh aħjar... Għandu appartament sabiħ, għandu weekender jew daicha, karrozza, u hu sinjur. Il-veru li ma hux xi ħadd li titħassar.'

L-unur li kien se jmissu bl-għoti tan-Nobel Prize għal-Letteratura wkoll tbiddel fi traġedja. Skont noti fid-djarju ta' Pasternak l-istedina li jmur ikellem l-Ghaqda tal-Kittieba Russi wara li ħadu l-aħbar, juru x'kien għaddej f'moħħu. Ħass li għandu jirrifjuta l-istedina. Pasternak qagħad waħdu fil-kamra tas-sodda imma meta ġie f'tiegħu ma riedx li jirrifjuta l-Premju Nobel. Iddeċieda li l-aħjar ħaġa li jagħmel kien li jikteb ittra ta' spjega li tgħid hekk: 'Il-kbarat qegħdin iġegħluni li nagħmel dak li se niddeciedi. Jiena inħoss li l-Premju Nobel li intom tajtuni jista' biss iferraħ u jsaħħaħ il-qlub tal-kittieba Russi kollha.' Iva, iddeċieda li jaċċettah imma kellu jerġa' lura u ma jaċċettaħx minħabba l-pressjoni tal-awtoritajjiet. Fil-fatt lanqas ġie mħolli jmur għall-preżentazzjoni fl-1958.

Fil-laqgħa jew laqgħat li saru tal-Kittieba Russi l-kritika mmirata lejn Pasternak kompliet tikber, u ħarġet ukoll fil-pubdliku. Din il-kritika kompliet sejra wkoll fuq l-istazzjonijiet tar-radju fejn skont kittieb ieħor Russu, mis-saċerdoti Ortodossi ta' Tashkent sas-sajjieda li kienu fin-North Sea, ġew mistiedna jagħmlu fuq ir-radju kundanni kontinwi kontra Pasternak. Sakemm f'salt wieħed Pasternak intesa għalkollox u r-radju beda jxandar rapporti sbieħ ta' dak li kien jiġri fil-farms tal-gvern, jew fejn tista' tmur tqatta' s-sajf. Ħadd iżjed ma semma l-isem ta' Pasternak jew tal-ktieb famuż tiegħu... l-istorja ta' Dr. Zhivago.'


BORIS PASTERNAK (1890-1960)

## MIXJA QASIRA F'LONDRA: MONUMENTI, LETTERATURA U LIBRERIJI

**Jikteb Patrick Sammut**

Pajjiż żviluppat u ċivili huwa anki pajjiż li jħobb jaqra, jirrispetta lill-kittieba tiegħu, jagħmel minn kollox biex dawn u xogħlijiethom ma jintesew qatt, anki billi jiġu divulgati, imfakkra u ppreservati bl-aħjar mod possibbli. Dan hu l-ħsieb li għadda minn moħħi jiena u miexi fit-toroq u l-pjazez ta' Londra ftit xhur ilu.




**Il-Mafkar lil Agatha Christie**

Qrib Covent Garden, fil-qalba tad-distrett teatrali ta' Londra, hemm il-Monument Agatha Christie, li jfakkar lil din il-kittieba u drammaturgu (1890-1976) u li nkixef fl-2013. Hu mafkar li jagħti ġieħ lill-kontribut ta' Christie lit-teatru. Id-dramm dwar qtil misterjuż bl-isem ta' *The Mousetrap* huwa l-iktar xogħol fid-dinja li ilu jittella' bħala show, u Christie kienet l-ewwel drammaturgu li kellha tliet drammi mtellgħin fl-istess ħin fil-West End. Dan il-mafkar magħmul mill-bronż juri ktieb, bi Christie fiċ-ċentru, kien iddisinjat mill-iskultur Ben Twiston-Davies. Fuq dan il-mafkar jidhru wkoll xi titli ta' kotba u drammi magħrufa tal-kittieba, bl-Ingliż u f'xi ilsna barranin li fihom ix-xogħlijiet ta' Christie ġew maqlubin.

Il-Monument iddedikat lill-kittieb Irlandiż Oscar Wilde (1854-1900) bl-isem ta' 'A Conversation with Oscar Wilde', li jinsab bejn Trafalgar Square u Charing Cross Station, hu skultura ta' Maggi Hambling fiċ-ċentru ta' Londra, li nkixef fl-1998. Għandu l-għamla ta' sarkofagu f'forma ta' bank lewn il-granit aħdar, b'bust ta' Wilde li joħroġ min-naħa ta' fuq, b'id qed taqbad sigarett. Fost il-membri tal-kummissjoni li kienu wara l-idea ta' dan il-monument kien hemm l-attriċi Judi Dench, l-attur Ian McKellen, u l-poeta Seamus Heaney. Fuq il-monument hemm iskrizzjoni li hi kwotazzjoni mid-dramm ta' Wilde *Lady Windermere's Fan* u li tgħid hekk: "We are all in the gutter, but some of us are looking at the stars". Interessanti l-fatt li biex sar dan il-proġett ikkontribwixxew mijiet ta' donaturi individwali u fondazzjonijiet. Fl-1997, sena qabel ma nkixef dan il-monument, saret wirja fin-National Portrait Gallery, li tinsab qrib, fejn inġabru f'post wieħed tpinġijiet, mudelli u oġġetti simili.

F'Misraħ il-Parlament, flimkien ma' għadd imdaqqas ta' monumenti oħrajn – fosthom dawk iddedikati lil Winston Churchill, Indira Gandhi u Nelson Mandela – insibu monument li jfakkar lil Millicent Garrett Fawcett (1847-1929) li kienet kittieba femminista, mexxejja tal-moviment tas-suffraġisti u personaġġ magħruf fil-qasam soċjali. Il-monument sar u nkixef fl-2018 minn Gillian Wearing, anki bil-barka tal-Prim Ministru tar-Renju Unit, Theresa May, u s-sindku ta' Londra, Sadiq Khan. Dan hu l-ewwel monument f'Misraħ il-Parlament iddedikat lil mara u magħmul minn mara. L-istatwa tal-bronż turi lil Millicent fl-età ta' 50 sena, meta saret president tan-National Union of Women's Suffrage Societies. Il-figura qed iżżomm banner li jgħid "COURAGE/ CALLS TO/ COURAGE/ EVERYWHERE", silta minn speech li Fawcett għamlet fl-1920.



**Il-Mafkar lil Oscar Wilde**




**Mafkar lil Millicent Garrett Fawcett**



**L-iskultura li turi lil William Shakespeare fil-British Library**

Kif tidħol fil-British Library, fuq in-naħa tax-xellug, tiġbidlek l-attenzjoni skultura tal-irħam tad-drammaturgu u poeta William Shakespeare (1564-1616). Din l-istatwa kienet skolpita minn Louis Francois Roubiliac (1702-1762) f'nofs is-seklu 18. Oriġinarjament kienet tinsab  - sas-sena 1779, meta ġiet mogħtija lill-British Museum - ġo bini mibni apposta f'għamla ottagonali, magħruf bħala 'Temple to Shakespeare', fl-artijiet tal-Villa Garrick maġenb it-Thames, f'Hampton. Fis-sena 2005 l-iskultura ġiet ittrasferita mill-British Museum għall-British Library. Il-British Library hu bini enormi, ċentru importanti għar-riċerkaturi u l-istudenti, li jibdew jikkjuwjaw sa minn filgħodu kmieni biex ikunu minn tal-ewwel ħalli jidħlu ġewwa malli jinfetħu l-bibien.

Skultura imponenti oħra hija dik iddedikata lil Charles Darwin (1809-1882) fil-British Natural History Museum, f'South Kensington. Din l-istatwa li tiżen iktar minn żewġ tunnellati nkixfet għall-ewwel darba fl-1885, tliet snin wara l-mewt ta' Darwin stess. Fl-2008-2009, biex jikkommemoraw il-mitejn sena mit-twelid ta' Darwin, l-istatwa tressqet f'post ċentrali fis-sala ewlenija tal-Mużew tal-Istorja Naturali. Din l-istatwa kienet skolpita fl-irħam mill-iskultur Awstrijak Joseph Boehm (1834-1890). Isem Darwin jintrabat ma' kotba magħrufa mhux biss mad-dinja xjentifika, imma anki ma' dawk li jħobbu l-ktieb. Insemmu biss *The Voyage of the Beagle* (1839) u *On the Origins of Species* (1859). Infatti, fl-istess Mużew, hija eżebita kopja ta' dan l-aħħar ktieb.




Ma jistax jonqos li min iħobb jaqra ma jżurx xi ħwienet tal-kotba li bihom Londra hija miżgħuda. U dawn huma verament ħwienet tal-kotba, li jispeċjalizzaw fil-kotba, mela ma jbigħux oġġetti oħra jekk mhux kotba jew oġġetti marbutin magħhom. Hemm ħwienet li jispeċjalizzaw fl-ewwel edizzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji magħrufa bħall-Hatchards Bookshop f'Piccadilly li ilhom ibigħu l-kotba sa






**Il-mafkar lil Charles Darwin u l-ewwel edizzjoni tal-*On the Origins of Species***






mill-1797. Bosta ħwienet oħra jbigħu anki kotba second hand f'kundizzjoni tajba imma bi prezzijiet tajbin ferm, bħall-ħanut Any Amount of Books – The Charing X Road Bookshop; oħrajn huma ħwienet iktar moderni u ssibhom kważi f'kull belt, bħall-Waterstones, anki dawn ġenna għal min iħobb il-kotba, u li fihom tista' tqatta' sigħat sħaħ taqra u tqalleb, u kultant żmien tieħu anki kapuċċino f'żona apposta. Apparti dawn hemm ħafna iktar ħwienet tal-kotba li wieħed jista' jiskopri mxerrdin matul it-toroq u l-kantunieri ta' Londra.

L-ikbar sorpriża kienet meta filwaqt li miexi maġenb it-Thames, kif taqbeż il-London Eye, mela matul il-Queen's Walk, nisma' bħal tektik partikolari u nara folla żgħira miġbura madwar raġel ta' xi 30 sena bilqiegħda fuq banketta b'typewriter antika mpoġġija quddiemu fuq bagalja antika wkoll. Kien qed jittajpja fuq karta bajda daqs nofs folja A4 u fl-istess ħin jistieden li dawk li jieqfu ħdejh biex jagħtuh isem u tliet kelmiet – mhux "river" u "tree", jew kliem ħażin – u f'bejn ħames u għaxar minuti jikteb storja qasira. Dak li jkun imbagħad seta' jagħti donazzjoni monetarja skont kemm irid hu/hi. Dan kien kittieb tas-sengħa, li qed jaqla' ħobżu permezz tal-arti tal-kelma! Fakkarni f'dawk il-letterati li fl-antik kienu jmorru għandhom min ma kienx jaf jaqra u jikteb sabiex jiktbulhom jew jaqrawlhom xi ittra li jkunu jridu jibagħtu lil jew kienu rċevew mill-familjari tagħhom mill-bogħod. Fuq kartellun żgħir kellu miktub "Flash Fiction", filwaqt li f'bagalja oħra mpoġġija fl-art



Suq tal-ktieb miftuħ matul il-Queen's Walk

kellu xi kopji ta' rumanz li ppubblika huwa stess. Anki hawn stajt tieħu kopja billi tagħti donazzjoni skont kemm tixtieq. Hawnhekk kien hawn ukoll fiera tal-ktieb fil-miftuħ u dejjem maġenb ix-xmara.

Huwa sabiħ ferm tara daqstant ħwienet u anki swieq tal-kotba – ġodda u second-hand – imferrxin matul l-istess belt, iffrekwentati minn mijiet ta' nies deħlin u ħerġin wara li jkunu qallbu, qraw xi paġni, u fl-aħħar nett ħarġu b'xi ktieb jew tnejn f'idhom. Sabiħ ferm ukoll tara belt, jew pajjiż sħiħ, li apparti ġonna, toroq wiesgħa, bini għoli u l-bqija, sab il-post fejn jinkludi mfakar iddedikati lil kittieba importanti u xogħlijiethom li huma parti mill-istorja kulturali tal-post.




## META MORT NOQGĦOD FIT-TRIQ TA' OSCAR WILDE

**(DUBLIN-Lulju, '02)**

Fi triq tfulitek ġejt ngħammar ftit jiem,
u fil-Park ta' quddiem darek rajt xbihetek;
rajtek fuq blata u ż-żina xegħlet f'għajnejk.

Dlonk ftakart kemm tal-pinna kont ħakkiem,
il-ħajja 'stravaganti li għext matul ħajtek;
u dmugħ l-ingratitudni li ġelben ma' ħaddejk.

**SALV SAMMUT**
**(minn *Tiżwiqa*, 2008)**

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## XI ĦADD

Tuni 'l xi ħadd,
jekk jogħġobkom.
Xi ħadd li jaf.
U jifhem.
Li faqa' l-bużżieqa
r-roża.
U sfronda l-palazz
tal-ħġieġ.
Li rema l-ġugarelli
kollha kollha.
Li għodos u ma reġax
tela' fil-wiċċ
għax sab il-qroll.
Xi ħadd li ħarab
biex ma jiskontax
is-sentenza.
Tuni 'l xi ħadd
b'musbieħ inemnem
biex inebbaħni
minn ħajta dawl.

**CARMEL SCICLUNA**

## ĦAJKU

Id-dlam fix-xitwa
bħal kutra jaqa' fuqek,
jistiednek torqod.

**PATRICK SAMMUT**

## WAQFA

Ħalluni hawn imbiegħed
mit-triq mgħaġġla tal-ħajja.

Ħalluni hawn fejn qiegħed
għal ftit tal-ħin nitlajja
u nieqaf biex niggosta
dehriet li ma jdumux
bħas-sfura tal-lellux,
u l-ħmura tal-peprin
bi lbiesu tas-satin.

Ħalluli ħin nosserva
in-naħla l-fjuri żżur,
u ż-żiffa mqarba tinbex
bil-ħlewwa lill-ħafur.

Ħalluli ħin nammira
il-bjuda tal-ġarġir
u l-friefet imlewnin
bi ġwienaħ tal-ħarir
jitbewsu ma' kull fjura

għax dan il-waqt se jtir
u jaf ma jiġix lura!

**CARMEL G. CAUCHI**

## NAQXA FL-ART...

**Ix-Xatt l-Aħmar**

Kont miexja f'għodwa xitwija
fix-Xatt l-Aħmar qalb il-blat
u mat-tħarrik tal-baħar nilmaħ
salib bil-ponot, opra fl-art.
Waqaft, tbaxxejt u flejtu sewwa
mwieġ il-baħar jaħsluh sew
fraħt bin-naqxa tat-tmien ponot
li b'sinjal ħiemed kienu ħallew.

Tgħid min kien li lilu naqqax
tgħid x'ħin kien li ġie mfassal
biex b'tifkira jibqa' mberraħ
u messaġġ lilna iwassal?

Tgħid x'għodda wżaw sabiex iħaffru
das-salib b'tant reqq'eżatt?
Tgħid kemm diemu milwija jnaqqxu
bi tmien ponot salib fl-art?

Rajt il-baħar ċar, kaħlani
jasal sew ħada s-salib,
kompla kiel min-naqxa mbierka
kompla jfannad il-blat qarib.

Tħassibt sew, ħarist 'il fuq
lejn Chambray, forti setgħan
seta' tgħid kien kavallier
li għal ftit paċi kien xewqan?

Tgħid kien Malti, għażiż ħija
kien qed jgħasses lix-xtajtiet
jew kien forsi xi pirata
moħbi sew f'kenn il-bajjiet?

Kien min kien, li n-naqxa ħalla
b'għafsa f'qalbi tnikkitt sew
għall-imsejkna missirijietna
li biex rebħu tant batew.

Mhux li kien jibqa' imnaqqax
bi tmien ponot, salib rigal
jew għad forsi maż-żmien ġejjieni
jittiekel qajl mill-mewġ għatxan?

U s-salib ta' tmien ponot f'naqxa
għalkemm hemm minsuġ fil-blat
stħajjiltu xorta 'l ġensna jgħasses
jissokta jbegħedna mill-ħsarat.

L-ilmijiet ħarkiena, mmewġa
u ż-żrieżaq għolja lkoll taflija
qed iwennsu din-naqxa mbierka
minn ħdan xtajta, sbejħa Għawdxija.

**RITA GATT**

## KWADRETTI

**Fetħu ġnien**
Ġabu l-banda mal-ministri
b'ħafna bnadar biex neħdew,
kixfu rħama tleqq u kbira,
ma qalux sew meta bdew.
Semmew biss l-eluf li nefqu,
insew jiktbu xi kemm ħlew!

**It-toqba tas-sindku**
Ġew tlieta jħaffruli preċiż hawn quddiemi
qaluli li s-sindku se jsewwi xi ħsara li sab,
ċempiltlu w qaluli li ħareġ għal-laqgħa
jien naħseb li ntilef, sparixxa jew dab,
għax għadni bil-ħofra sal-lum xahrejn wara –
la l-ħsara u lanqas is-sindku ma nstab!

**Il-Parata tal-Preċett**
Ta' kull sena ħdejn il-knisja ssir parata,
ilbies fin u kpiepel kbar għax il-preċett
it-tfal ċkejkna qishom papri lewn il-ġilju
tistħajjilhom tal-Irnella fuq is-sett.
Din is-sena l-arċipriet avża 'l-parroċċa –
ma jridx aktar jara l-maskri taż-żufjett!

**PHILIP BORG**

## L-IMDINA - IL-BELT SIEKTA

**(mir-rumanz FIS-SAJF TA' ŻEWĠT IBLIET)**

Imdawra minn swar li jkennuha
u mis-sikta li tħuf matul it-toroq
hija tgħix fit-tifkiriet
li sawru ġrajjietha.

Dejjem l-omm ta' kull belt oħra,
il-ħarriesa u l-qalbiena
li fl-imgħoddi ħaddnet magħha
lil dawk li ħassewhom
beżgħanin minn kull tiġrib.

Illum siekta tilqa' fiha
lil min jixtieq iżurha
u mis-solitudni tat-toroq
imdawla b'lewn safrani
iduqu mill-benna tal-glorja
li darba sawritha bil-ġieħ
ta' BELT NOTABILE.

**SALV SAMMUT**

## F'DIK L-GĦODWA TA' FRAR

F'dik l-għodwa ta' Frar,
ma smajniex is-sirena twerżaq qabel ma titla' x-xemx,
ma rajniex it-tankijiet jaqsmu l-fruntiera,
ma ħassejniex il-missili ġejjin fuq rasna,
ma xtaqniex naħarbu għal ġol-kantina,
u ma bżajniex mis-suldati li kienu ġejjin għalina.

Jien kont ħsibt li x-xiħ li ġie mill-bogħod kien tilef il-memorja.
Imma hu qalli li aħna lkoll vjaġġaturi f'din l-art imwegħira,
rifuġjati wkoll xi wħud,
nimxu minn linja għal linja,
minn checkpoint għal checkpoint,
waqt li s-sħab tal-gwerra jgħatti l-qamar ħalliem.

Fl-aħħar mill-aħħar,
il-memorja biss jifdal.

**STEPHEN CACHIA**

## TĦANXARX IR-RITWAL

tħanxarx ir-ritwal,
li għadu jmiss il-ħajja,
tal-libertà.

ejj'iżfen biż-żeglig,
u farfar l-ansjetà,
li ggranfat miegħek.
u ikteb poeżija bla lament,
saffar b'xufftejk qrollin,
it-tlieta ta' filgħodu... għadu l-ħin.

tħanxarx ir-ritwal,
bil-waqfa zoptu ta' ruħek.

**MARIO GRISCTI**

## A SPACE OF POLARITIES
## A LINK TO HOME
## EVERY SHADE OF BLUE POSSIBLE

dawl profan daħal mill-koppla
il-verdun fil-gabbjetta beda jheżżeż
it-turtiera tal-pastizzi tal-Ħadd ta' wara l-quddies tas-sitta
diġà nbiegħet kollha; l-istuffat tal-fenek itektek fuq in-nar
lgħabna noli, qbiżna l-ħabel, rkibna fil-kaxxa tal-vann
u kejjilna mħabbitna bil-fjura Ingliża

nħobbok ma nħobbokx
nħobbok ma nħobbokx

il-ġostra hija l-ħajja ta' ħafna, inkluż tagħna

nħobbok ma nħobbokx

il-politika tal-kukkanja u l-pavaljuni

nħobbok ma nħobbokx

bħal Kristu quddiem l-adultera ħażżiżna d-destin tagħkom
fuq ir-ramel ta' Pretty Bay

bħal episodju minn lezzjoni tal-Primarja fuq il-Preistorja
lmaħnikom ġejjin fuq opri tal-baħar
mgħobbijin b'ħolmitkom u ħolmitna
knaten tas-sitta
tfewwaqnilkom f'wiċċkom ir-riħa populista tal-partit,
għamilnilkom il-bżieq m'għajnejkom
bl-istess id li misset il-Qdusija Tiegħu Papa Franġisku
u bħall-proċess tal-għasir tal-għenba bil-pali ta' saqajna
rfisna fuq il-kwiekeb Immakulati tal-Ewropa

nħobbok ma nħobbokx (inħares 'l isfel)

poplu
li ma jroddx biss, "Fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu,"
li ma jgħajjatx biss "il-bye itself, l-eyes down u l-fatta/ 1 house correct"
li ma jkantax biss l-"Ole Ole Ole", l- u
"Ara x'għamilnielkom hey hey hey" u l-"Magħna ma tagħmlu xejn, magħna ma tagħmlu xejn."

nħobbok ma nħobbokx

il-baħar li tana ismu
mifni bi kriżi t'identità
mewt u ħajja; ċiklu fih innifsu

l-iskorfon t'għajnejh kbar li kultant jinqabad tnejn tnejn mal-konz sar l-għassies miblugħ taċ-ċimiterju

nħobbok (nifs twil) ma nħobbokx

loud but gentle
il-baħar li tana ismu
ħalla t-togħma tiegħu fuq xoffitna
hekk bisna l-popli ta' kull nazzjon
bix-xemx ġisimhom sar salina
li tippreserva l-kobor tal-umanità

**GABRIEL LIA**

## SIKET ID-DAQQ

Siket id-daqq tal-qniepen
u l-ħemda kibret,
'mma l-weraq semma' leħnu
kull darba li kaxkart riġlejja
f'mogħdija mserrpa.
Ġo moħħi jhewden
għaddejjin dritt bla jieqfu
mitt ħsieb u wieħed
jissieltu bi twerżiq li jtarrax
imxennqin għax-xettru.
U qalbi mnikkta strieħet...
Il-wieħed saltan fuq il-mija.
Intfiet t'għajnejja d-dija.

**JOHN MALLIA**

## IL-GVERTA ĠBIDT

Il-gverta ġbidt fuq rasi
mhux għax ħassejt il-ksieħ
fis-sodda mgeddsa sewwa
ma jilħaqnix ir-riħ.

Il-gverta ġbidt fuq rasi
biex waħdi jien hemm ġew
inkeċċi kull ħsieb fieragħ
li f'moħħi jlellex sew.

Bil-gverta tgħatti r-rasi
ninsatar hekk jien żgur;
min jobsor fit-taqtigħa
fis-skiet li qatt miksur?

Il-gverta hi s-siparju
jingħalaq wara l-jum,
ir-reċti ntemmu kollha,
fil-kwinti l-lejl indum.

Bil-gverta sew fuq rasi
il-'jien' issib lil 'jien'
bla maskri, bla irtokki
mhux t'għada, mhux li kien.

Il-gverta ġbidt fuq rasi
ħosbiena u bid-dieq,
f'għarfien ta' jien kif jiena,
mhux dak li jien nixtieq!

**LINA BROCKDORFF**

## BABILONJA

Tlett ixjuħ bilqiegħda fuq bank
f'Collingwood... belt il-ħaddiema.
B'ħarsithom vojta, jitwieżnu mal-bsaten,
mgħawġin u mgħaddmin, tal-għuda
jħarsu lejn il-ħajja għaddejja... maħruba,
li ħalliethom itturufnati...

Dan hu ż-żmien li ħolmu bih...
li għexu għalih...
Iż-żmien tal-mistrieħ...
Issa li ħolmithom telqithom
fehmu, li d-destin
hu riħ ħażin,
li tefagħhom f'din l-art... Babilonja,
fejn ilsien art twelidhom
jeżiljahom minn xulxin,
fuq l-istess bank fejn jistrieħu
Flimkien...
Waħidhom...

**MANUEL CASHA**

## MESSEJTNI

F'dil-kamra mudlama
wiċċek pallidu jteptep
minn wara skrin sterili
kellimtni,
'ma jien ma smajtekx.

B'subgħajja mellist wiċċi
nipprova nġib lura memorja,
waqt aljenat ta' ftit ilu
li neħħejtli xagħriet imħabbla
minn quddiem għajnejja.
Bi skietek għedtli bosta
dakinhar,

'ma jien smajt dak li ridt.
Issa għajnejk miksura f'mistoqsija
ssammru f'tiegħi...
jistennew.
U int fhimt sewwa
dak li m'għedtlekx b'fommi,
u bi tbissima nebbieta
messejtni mill-ġdid.

**RITA SALIBA**
**(minn *minn wara l-ħġieġ*, KKM, 2022)**

## MINN KEMM

Minn kemm għoljiet, muntanji
li rajt matul is-snin,
ma sibtx qatt tnejn xi darba
li huma bħal xulxin.

Minn kemm għerien li fihom
jien dħalt, intlift fil-ħjiel,
ma rajtx imqar tnejn minnhom
li għandhom l-istess ġmiel.

F'bajjiet li kull ħarifa
xammejt bil-oħla riħa,
ma nafx li qatt tnejn fosthom
irmew dik l-istess fwieħa.

**CHARLES BEZZINA**

## IMĦABBITNA

Ir-riħ nefaħ.
U xagħrek ittajjar miegħu
u inkixef wiċċek
u rajt is-sbuħija.
U tbissmu xufftejk
u iċċaqlaq ilsienek
u fhimt x'kont qed tgħidli
bla ma smajtek.

U ħaddejk ħmaru
u saru warda
li fewħet kullimkien

u r-riħa għaddiet ma' nifsejja
u x-xamm sar qawsalla ta' kuluri, li sebbħu kull m'hemm
u ħolqu meravilja ta' arti
u stagħġeb kulħadd.

U waqaf il-ħin għal ftit sekondi,
biex tana ċ-ċans ngħaqqdu qlubna,
bla ma ħadd induna, il-ħin biss kien jaf.

U stenbħu l-għorrief ireddnu
fuq l-imħabba, u semgħet in-nies, u emmnet,
imma le, mhux aħna.
Għax aħna konna mitlufa
f'dinja tagħna biss, ma kellniex bżonn l-għorrief,
għax tagħna ħloqnieha aħna
bla ebda storbju, fis-skiet,
u bnejnieha mill-pedamenti
sakemm kważi laħqet is-smewwiet.

U kompliet il-ħajja
għaddejja, bla nifs,
u aħna waqafna u ħarisna,
jaħasra kieku biss jafu
l-imħabba x'inhi.

Ħallihom ħa jgħixu
sa mal-mewt tersaq lejhom
u jaħsbu li ħabbew biżżejjed
biex jilħqu 's-smewwiet.

U meta tagħna tasal ukoll
jiftħilna il-bibien,
u jdoqqu l-anġli l-arpa,
u jitkellem il-kbir, u jisimgħu kulħadd,
"EJJA ĦA NURUKOM
L-IMĦABBA TASSEW X'INHI."

**MANUEL SCHEMBRI**

## JEKK INT TKASBAR IL-MALTI

Jekk inti tkasbar lili, x'tagħmel lilek?
Jekk minn għalik lil ommok tiddisprezza,
u bla mistħija sserdaq il-kburija,
tkun lilek stess qed twaqqa' fil-bluhija.

Ftakar fil-kliem magħruf tal-kbir poeta.
Int x'int, u int min int, fil-għelt tiżgħedx.
B'rasek baxxuta, dmugħek stess isaffi
kruhat id-dagħwa; u dlonk it-tewba jtaffi.

O kemm hu biered għelt il-għaref kburi!
Kemm mingħalih il-kotra tammirah!
Bħal Ġuda kif jintebaħ fis jindanna.
Fuq sidru jħabbat; lilu nikkundanna.

Fejn sejrin Maltin ħuti b'dak il-għamad?
Min taħsbu li qed togħġbu b'dana l-qerq?
Għajnejkom iftħu, ħallu d-dawl jurikom
jekk tħaddnu 'l tagħkom, ħadd ma jidħak bikom.

**RIGU BOVINGDON**

## LEJL IEĦOR KOLLU RWIEFEN

Lejl ieħor kollu rwiefen
tempesta bla waqfien:
issa li qed iżernaq
biżżejjed kelma waħda
biex jerġa' l-pellegrin
isib is-sliem.

**JOE FRIGGIERI**
**(minn *Sekwenzi*, Kite, 2022)**

## XI MKIEN

**Mix-xatt ta' Font Għadir quddiem baħar mistrieħ u sabiħ**

Xi mkien lil hinn
fejn is-sema, ix-xefaq u l-baħar
jitbewsu f'illużjoni mingħajr kliem.
Meta l-Lbiċ jibgħat iż-żfief ferħana
jissiehmu mal-imrieżaq xemxin.
Xi mkien lil hinn...
għandi l-ħamiem mitluf.

Xi mkien lil hinn
fejn ix-xemx, ir-riħ u r-ramel
jisirġu f'żifna ta' firxa bla sliem.
Meta x-Xlokk ikedded il-barr għatxan
u jriffen fl-iljieli kiesħa qamrin.
Xi mkien lil hinn...
għandeK in-nagħaġ mitluf.

**RAYMOND C . GRECH**
**(minn *Lejn l-Għamajjar*, 2019)**

## MIT-TIFQIGĦ TAX-XITA...

Mit-tifqigħ tax-xita
fuq wiċċ l-għadira
tistenbaħ ruħna.

Tarahom iċ-ċrieki
wieħed f'wieħed
jiftħu bla sabar?

M'hemmx
x'jagħlqilna għajnejna.
M'hemmx xi jserraħna.

U l-ħsejjes itarrxu -
tismagħhom?

**GIOELE GALEA**
**(minn *Ilma*, Horizons, 2022)**

## 2022-23

Għadda l-Milied
u waqa' s-skiet
fil-pjazez.

Konna flimkien
hawn, kullimkien,
imfissda.

Prasepju d-dar,
sa daħħlu l-ħmar.
Xi ħlewwa!

Qrati magħluqa;
imħuħ mixquqa.
X'jimporta?

'Ma ftit 'il bogħod
kollox jirtogħ'd
u kiesaħ.

Mal-ewwel jum,
is-sena tqum
storduta.

Niket jew ferħ?
Xogħol jew serħ?
X'taħwida!

Russja u Ukrajna:
Gulija jmajna
taħt David.

Poeti, qumu
u qatt issumu
mistura

Quddiem il-ħażna
bla xejn imrażżna
tas-Slaten.

Il-lejl isikket
għalkemm imnikket
'il-kwiekeb.

Ix-xemx għad tħabbar,
tgħanni u ssabbar
'il-ħlejjaq.

U l-ilħna jferrħu,
'il qalbna jserrħu
għatxana.

X'jonqos, Mulej?
Tarrfilna x'ġej
għallinqas.

Epifanija!
Mija fil-mija?
Excelsior!

**KARMENU MALLIA**

## FEJN JGĦAMMAR ALLA

Kważi dejjem għext bit-tama,
li minkejja li qatt ma' kont perfett,
il-ħsieb ewlieni tiegħi kien,
li wara din il-ħajja
ta' ftit għaxriet ta' snin,
immur ngħammar il-ġenna,
fejn aħna ilkoll mistednin.
Sa ma ntbaħt li l-ġenna,
nista' mmur kważi kuljum.

Jekk il-ġenna hi d-dar fejn jgħammar Alla,
bil-ġmiel u l-glorja tiegħu,
nista' mmur id-dar tiegħu f'kull ħin,
fejn se nsibu jistennieni
fid-dwejra ċkejkna tiegħu, fuq il-midbaħ,
għax minkejja l-kobor kollu tiegħu,
sar Debħa għalina,
fis-Santiss'mu Sagrament,
tal-Ewkaristija.

Għax kull maqdes,
huwa d-dar ta' Alla tagħna,
u kull meta mmur inżurU fid-dar tiegħu,
nista' ngħid li nkun mistieden u qed ngħix,
fil-ġenna miegħu.

**CHARLES MIFSUD**

## THE STONES' SONG

In the builder's glossary, vintage tools
memorise the stones' songs, chink
toccato in the sculptor's dreams:
*Skarpell*, *spnajjar*, *mannarett*.

chisels, wedges, hatchet ring
the quarry's toneless campanile
pickaxe, hammer, mallet:
*baqqun*, *mazza*, *imterrqa tal-inkolmar*

The mason's rhythmic spell of increase
is so urgent only infants slumber while
rocks speak in their mother tongue
*raxketti*, *xafra*, *għarbiel*

plane and polish limestone blocks as wood-and-net sieves'
sift the dust of microscopic shells, shss shss shss shss
in muffed percussion, lullaby of ancieny, shallow seas.

**ANNAMARIA WELDON**
**(minn *Stone Mother Tongue*, UWA Publishing, 2018)**

## NIXTIEQ

Nixtieq ngħix ħajja aħjar
u nbiddel li jien fiha;
u bħal farfett nittajjar
fuq xi roqgħa gargir;
bħaċ-ċiefa u l-gawwija
inħuf fuq baħar ikħal nir,
u bħalhom kieku nsir
ħafif, ħafif, bla ebda xkiel
sa ma qalbi f'estasi
ta' għaxqa terġa' ttir.

Nixtieq ngħix ħajja aħjar
u nbiddel li jien fiha;
u bħal naħla nittajjar
fuq il-fjura tas-sagħtar;
nixxabbat bħal baħrija
ma' qniepen ta' kull għamla,
u bihom, flimkien magħhom
ninseġ l-isbaħ daqq u għana
biex ngħin lil qalbi tirbaħ
ferħ ġdid u bih tistagħna.

**ANTHONY FARRUGIA**
**(minn *Pinna Poetika*, 2022)**



# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## THE LAKE

In spring of youth it was my lot
To haunt of the wide earth a spot
The which I could not love the less—
So lovely was the loneliness
Of a wild lake, with black rock bound,
And the tall pines that tower'd around.

But when the Night had thrown her pall
Upon that spot, as upon all,
And the mystic wind went by
Murmuring in melody—
Then—ah then I would awake
To the terror of the lone lake.

Yet that terror was not fright,
But a tremulous delight—
A feeling not the jewelled mine
Could teach or bribe me to define—
Nor Love—although the Love were thine.

Death was in that poisonous wave,
And in its gulf a fitting grave
For him who thence could solace bring
To his lone imagining—
Whose solitary soul could make
An Eden of that dim lake.

**EDGAR ALLAN POE**
***L-Istati Uniti***

## NAUSEA

Morbido silenzio, soffice
come una preghiera del sonno.
Il buio che adora fruscii e parole:
il buio, affannato dal mio respiro,
può solo accarezzare la
nausea di questa vita.

Nel giorno,
sputo della notte,
fiori freddi
come steli di pioggia.
Un'orma di luce
imbavaglia lo spazio.

**PIETRO PANCAMO**
***L-Italja***

## MY EGO

A human being, I want to understand my ego,
My conceit, egotism, my individuality,
How are we in touch with external reality,
And which way my own arrow will go?
Who am I, what kind of essence, I don't know,
What type of thread connects me with the world,
In what kind of mystic flow I am hurled,
Where may I find that magic unknown law?

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***

## AQUARIUS

It might have been a prejudice, today nobody knows it any more.
The truth is in the fantasy of lies.
A lucky successor of sadness in the chambers of misery.
A shadow of the night, a memory of a poet.
How hard is the unknown tear?
A record of memory, picture, colour, scent ...
Passers-by, strangers, young and tall, some were with greyish hair ...
Always passing by.
Recognizing a gentle voice among thousands in a big city ...
A conquest is the same as heroism.
Nothing happens in dreams.
The oblivion of dreaming doesn't need experience.
Repeating one and the same theme is belief.
An Aquarius sometimes blunders.
The impossible becomes possible.
Conclusions impose themselves relieved with the choice of solutions.
A new love shines like a crescent moon, just awoken.
The air we dream about dances in the dark.
A meaning sent to the skies.

**TATJANA DEBELJACKI**
***Is-Serbja***

## WATER SYLLABLES OF CANTO GENERAL

**Dedicated to Pablo Neruda**

The syllables lead to Canto General
they abduct the infinity of time
dancing the last waltz with the wind,
before they turn into crystals,
and the wind is still carving and shaping
the drops that the stalactites created,
while the light in a thousand shades dispersed
and colours the late-dawn day
in distant Chile
and to an even further poet with an iron will
and hands made of steel.
Oh, you light, that spring from the night,
harder than stone, softer than fog
crosses iris pollen
with the magic of sleeping nightingales.
Slowly the magic fairies descend,
petals tremble on their lips,
chained with pearls and emerald storms,
with creased spine
and broken ribs.
with a crumpled spine
and broken ribs.
The Day wakes up in a four-leaf clover
while the night still dreams its unrepeatable dreams,
and the fog puts on its festive dress
woven of cobwebs and eagle feathers
collected in the cup of the volcano,
in the nest of the eternal glacier
and the kingdom of frozen butterflies.
Amphoras and jugs are poured out
spilling nectar into the depths of the roaring river,
and the echo yawns insidiously
making the earth tremble.
The shell is still whispering its monologue
and sings a song of the mysterious ocean
sealed with red wax
and the seal of an unknown dynasty.

**ALIKI TELESKU**
***Ċipru***

## THE LOVE'S ISLAND

**For Nada**

When the sky laughs
The blue silk weaves the blue silk
The River flows The River flows

All the fish from inside of me then leave
In the river where a fairy – A girl
Lives together with the shells from the water

On the island where the love was lightened
It comes around again the girl
The fish are living there too
And the fairy also smiles to them
In her water's game and sand

The wind kisses the breasts
Then the moon caresses the cheek
Then all my inner willow sings

**IOAN BABA**
***Is-Serbja***

## *HAIKU*

Is War from Satan?
No, he is Satan himself -
Kill him with Peace words!

A bird on a bough
Sings its joyful song of Peace
Global world listens.

Among the poppies
Some bloodied bodies stranded
The war is ended.

Human Trafficking
And modern Child Slavery
Are the world's worst sins!

Peace will come the day
Power of Love surpasses
The Love of Power.

**ADA AHARONI**
***L-Iżrael***

# Minn Fuq

## 1 – Ixkaffa









## *SENSEI* ta' Edgar Formosa, Horizons, 2022

Patricia żżewġet żgħira, kellha tarbija, u sseparat kmieni wkoll. Sa minn kmieni uriet interess kbir fil-kultura Ġappuniża, tant li ddeċidiet li ssegwi kors fl-Università lokali, li ppermettielha ssir għalliema aktar tard, u ma tibqax waitress f'ristorant Ġappuniż. Patricia hija l-mara determinata li minkejja bintha, ix-xogħol u l-istudju ma taqtax qalbha u tkompli miexja dejjem 'il quddiem. Imma dan setgħet tagħmlu anki bil-għajnuna tal-mentor tagħha, il-Professur ta' fama dinjija, Katsumoto, li għalkemm ta' ftit kliem, rett u bniedem ta' dixxiplina kbira, jinġibed lejha daqslikieku kien missierha u jgħinha tilħaq il-ħolma tagħha. F'dan ir-rumanz ta' xi 150 paġna, maqsum f'kapitli qosra (30 b'kollox), naraw kif tiżviluppa r-relazzjoni ta' fiduċja bejn Patricia u Katsumoto, imma fuq kollox naraw il-vjaġġ ta' formazzjoni li tagħmel din it-tfajla determinata li minn bniedma inċerta tinbidel f'mara indipendenti u għalliema u akkademika prima f'rabta mal-kultura Ġappuniża. It-tmiem hu wieħed li jaħsad xi ftit jew wisq. Imma kulħadd għandu ż-żmien stipulat tiegħu fuq din id-dinja; l-importanti li sakemm inkunu hawn nagħmlu mill-aħjar li nistgħu u nippruvaw inħallu marka pożittiva u dejjiema warajna. Dan hu rumanz mexxej u li jinqara malajr. Hu xogħol li jberraħ valuri bħalma huma l-ġenerożità, l-altruwiżmu, il-fiduċja, u r-rispett lejn ħaddieħor.

## *L-IMXENNQA GĦALL-ĠIŻIRANA U STEJJER OĦRA*, ta' Toni Abela, Kite Group, 2022

Dan il-ktieb hu ġabra ta' novelli li tifrex fuq 248 paġna, miktuba mill-Imħallef Toni Abela. L-istejjer huma ambjentati f'postijiet differenti u jitrattaw għażla wiesgħa ta' suġġetti u burdati. Iseħħu stramberiji li ma tkunx qed tistennihom. L-Imħallef Toni Abela jgħid li n-novella dejjem kienet ġeneru letterarju li jogħġbu għaliex "meta dan il-ġeneru jinħakem tajjeb, dak li jista' jingħad f'rumanz jintgħasar f'novella. L-istorja, l-għażla preċiża tal-kliem u t-tħaddim ta' idjomi f'kuntest tajjeb, iqassru ħafna minn tul żejjed u bla bżonn. Fil-każ tan-novella, kuntrarjament tar-rumanz li jrid aktar ħin, storja tajba tibagħtek tiġri fuq l-iskrivanija, tibdieha u tispiċċaha." Dwar x'jistenna l-qarrej min-novelli hu jgħid li "il-paranormali huwa frekwenti iżda mhux sfaċċat. L-infedeltà u l-imħabba huma wkoll żewġ emozzjonijiet li f'dawn in-novelli jikkompetu ma' xulxin. Il-biża' li tasal id-dar u kif tiftaħ il-bieb issib xi ħaġa jew xi ħadd jistenniek, hija wkoll tema li jista' jkollha tifsira psiko-analitika... l-ansjetà eżistenzjali, għaliex qatt ma taf biex ser toħroġlok il-ħajja. F'kull storja, li warajha jista' jkun hemm anki temi soċjali attwali, bħall-ewtanasja u l-abort, noqgħod lura milli nagħti l-fehma tiegħi. Inħalli wisa' beraħ għall-intelliġenza tal-qarrej."




## *STORJA MEDIKA TA' MALTA* ta' Paul Cassar, Edizzjoni Faraxa, 2022

Dan il-ktieb ta' kważi 700 paġna oriġinarjament ħareġ bl-Ingliż fl-1965, imma reċentement inqaleb għall-Malti minn Godwin Ellul. Jinqasam f'għaxar partijiet ewlenin: Iż-Żminijiet Bikrin; Sptarijiet; Taħt il-Patroċinju tal-Ordni ta' San Ġwann; L-Iżvilupp tal-Mard f'Malta; L-Evoluzzjoni u l-Iżvilupp tas-Saħħa Pubblika; Kura Komunali u Assistenza Soċjali; In-Nersing u s-Servizzi tal-Qwiebel; Minn Twemmin Primittiv għal Ħsieb Xjentifiku; Is-Seklu Dsatax; u L-Impatt tal-Gwerra. Dan hu xogħol dettaljat ħafna. Dr Cassar, li bbaża l-istorja tiegħu b'mod wiesa' fuq l-istorja soċjali u politika ta' Malta, juri b'mod ċar kif kemm il-gwerra kif ukoll il-kummerċ ġabu magħhom epidemiji tal-biża' magħhom, fosthom tal-pesta, tal-kolera, tal-lebbra u mard ieħor, u kif dawn l-epidemiji mbagħad kellhom effett profond mhux biss fuq l-iżvilupp tas-saħħa pubblika u tal-leġiżlazzjoni soċjali, imma anki fuq il-ħajja ekonomika kollha tan-nies. L-awtur irriċerka b'mod intensiv fl-arkivji, f'dokumenti l-biċċa l-kbira tagħhom mhux ippubblikati, tal-Librerija Rjali ta' Malta u tad-Dipartiment tas-Saħħa. Ta' spiss jinseġ siltiet minn ġurnali, djarji, u ittri ta' viżitaturi fil-gżira matul is-sekli ma' dokumenti uffiċjali li juru l-istorja medika ta' Malta bħala qawwa vitali fl-istorja ġenerali tal-pajjiż. Dr Paul Cassar iggradwa fil-Mediċina mill-Università Rjali ta' Malta u kiseb Diploma fil-Mediċina Psikoloġika fl-Ingilterra. Barra studji fl-ispeċjalità tiegħu, ikkontribwixxa studji f'ġurnali storiċi f'Malta u barra.




## *ĠGANTI* ta' Robert Aloisio, Horizons, 2022

*Ġganti* huwa rumanz b'qoxra iebsa u li jifrex fuq ftit iktar minn 150 paġna. Kif jissuġġerixxi t-titlu nnifsu, din in-narrattiva tista' tidħol taħt il-kappa tal-ġeneru tal-fantasija. Madankollu, il-ġrajja tar-rumanz tibda u tintemm fid-dinja t'issa, fid-dinja reali tagħna. L-awtur isawwar *frame narrative* li tlaqqa' lill-qarrejja ma' Żita – it-tfajla protagonista li tgħix ma' ġenituri li aktar ħsiebhom fix-xogħol milli fiha – u li mbagħad teħodhom fi vjaġġ lejn gżira fejn jgħixu kreaturi ġganteski imma ġentili. Permezz ta' dan ir-rumanz, Aloisio qiegħed jagħni ġeneru letterarju li lokalment qajla jingħata prominenza. Ħlief għal xi eċċezzjonijiet bħal Trevor Żahra, John A. Bonello, u Carmel G. Cauchi, huma ftit dawk l-awturi Maltin li b'xogħlijiethom seddqu u għarfu l-impatt li l-ġeneru tal-fantasija ħalla – u għadu jħalli b'rumanzi riċenti bħal *The Buried Giant* ta' Kazuo Ishiguro – madwar id-dinja. Jekk wieħed iqis ir-rilevanza perenni ta' ġganti letterarji bħal J. R. R. Tolkien u C. S. Lewis, malajr jifhem li l-fantasija hija mfittxija mill-qarrejja ta' kull ġens, ta' kull żmien u anke ta' kull età. Għall-kuntrarju ta' kif jaħsbu xi wħud, il-ġeneru tal-fantasija, mhuwiex miktub biex jitgawda esklussivament mill-qarrejja żgħar – anzi, permezz ta' *Ġganti*, Aloisio qed juri li dan il-ġeneru jista' jinkiteb b'mod li jappella għal etajiet akbar. Għaldaqstant, dan ir-rumanz, miktub b'Malti mexxej imma mirqum, jista' jaqrah kulħadd għax jista' jappella għal kulħadd.







## *NATAL FELICE U ĠNIEN IL-MISTRIEĦ* ta' Brian Bonnici, Horizons, 2022

Dan huwa ktieb ta' ftit iktar minn 300 paġna, maqsum f'34 kapitlu. Wara snin josserva dak kollu li ra jseħħ quddiemu fl-Addolorata, u wara li ħa nota ta' dan kollu, il-kittieb uża l-immaġinazzjoni u l-kreattività tiegħu biex jibni storja mdawra mal-karattru ferrieħi u ċajtier ta' Natal Felice, wieħed mid-deffiena tal-Addolorata. F'dan il-ktieb, li mhux faċli tiddeskrivih bħala ġeneru letterarju, niltaqgħu ma' stejjer komiċi li jitħalltu wkoll ma' ħsibijiet u riflessjonijiet profondi dwar bosta aspetti bħall-ħajja, il-frugħa, ir-regħba, il-korruzzjoni, l-imħabba, il-familja, il-mewt u lil hinn minnha. Ma tonqosx xi tingiża jew protesta kontra min jaħseb iktar fih innifsu milli f'dawk ta' madwaru. Sadanittant, il-qarrejja jiltaqgħu wkoll ma' numru ta' karattri, jingħataw ftit tagħrif storiku dwar dan il-post li jista' jiġi kkunsidrat anki bħala mużew miftuħ, informazzjoni dwar drawwiet li maż-żmien inqatgħu jew qed jintilfu, u fuq kollox tagħrif ilewwen il-ġrajja ta' dan il-post sagru. Fih hemm midfuna kittieba, politiċi, arkitetti, artisti, ekkleżjastiċi, martri, immigranti, u ħafna iktar. Fost il-protagonisti li niltaqgħu magħhom insibu d-deffien, il-kennies, l-ispettur sanitarju, il-marmista, il-watchman, il-patri, tal-fjuri, il-fra, kif ukoll in-namrati. Interessanti hu l-kunċett tad-"dark tourism" f'rabta maċ-ċimiterji storiċi li għandna f'pajjiżna. Żgur li wara li wieħed jaqra dan ix-xogħol - miktub fi stil mexxej, għalkemm mhux nieqes minn partijiet riflessivi - se jkollu perspettiva oħra u differenti ta' Santa Marija Addolorata!

## *MAL-AĦĦAR MEWĠIET* ta' Charles Bezzina, Għawdex 2023

F'din il-ġabra ġdida ta' poeżiji, dan il-poeta Għawdxi jagħtina 127 poeżija oħra minn tiegħu li kiteb bejn l-2017 u l-2022. Il-ktieb fih 184 paġna, u apparti l-poeżiji ta' Bezzina, hemm inklużi daħla analitika mill-pinna ta' Tarċisju Zarb, Kelmtejn Qabel tal-istess Charles Bezzina, u fl-aħħar paġni nsibu wkoll kummenti kritiċi dwar ġabriet poetiċi differenti mgħoddija ta' Bezzina, kummenti miktubin minn kittieba ħbieb tal-poeta u kritiċi lokali. *Mal-Aħħar Mewġiet* hija l-għaxar ġabra ta' poeżiji ta' dan il-poeta prolifiku, bl-ewwel waħda li dehret fl-1987 (*Triqat Bla Tarf*). Bħal dejjem, il-forom metriċi u prosodiċi li jagħżel Bezzina huma tradizzjonali - is-settenarju, l-endekasillabu, il-kwartina, ir-rima mqabbża, u iktar -, imma l-kontenut huwa modern, b'metafori friski u kontemporanji, bosta minnhom marbutin mad-dinja tal-baħar, għal qalb ħafna l-poeta Għawdxi. Kif jikteb Bezzina stess, f'din il-ġabra se naqraw "liriċi u sentimenti ta' bniedem sensittiv, li jiġġarrab u jweġġa' b'dak li jara ħażin madwaru, u ma jistax iġerrgħu, li jħoss u jifraħ f'mumenti li aktarx jgħaddu malajr, u li jistaqsi u jhewden dwaru nnifsu." Skont Tarċisju Zarb Bezzina l-poeta sar ħaġa waħda ma' "l-espans tal-baħar u t-timwiġ tiegħu", baħar li jservi bħala "refuġju li jibqa' jirrikorri għalih f'ħafna mill-atti poetiċi tiegħu." Skont Zarb f'Bezzina jinħass ukoll il-bżonn li l-persona ma tibqax tappartjeni għall-miġemgħat tal-bnedmin, imma minflok issir parti minn realtà kożmika, tissieħeb mal-etern u ma' dak li hu traxxendentali.


il-pont
RIVISTA LETTERAJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont